19. Jistieden lill-Kummissjoni biex tniedi proġetti ma' korporazzjonijiet Ewropej speċjalizzati fl-enerġija li tiġġedded li jiffaċilitaw u jteb u t-trasferiment u l-użu ta' sorsi ta' enerġija li m'humiex ta' ħsara għall-ambjent għall-użu individwali jew ta' kumpaniji fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

20. Jenfasizza li l-infrastrutturi jistgħu jkunu element essenzjali ta' l-Iżvilupp Sostenibbli jekk ikunu konformi mal-linji gwida ambjentali u soċjali u jistieden lill-Kummissjoni biex tassigura li l-Assessazzjoni Strateġika Ambjentali u l-Assessazzjoni ta' l-Impatt Ambjentali jsiru u jkunu disponibbli għall-pubbliku għal kull programm u proġett li jieħu appoġġ finanzjarju mill-EU, b'mod partikolari is-Sħubija bejn l-UE u l-Afrika dwar l-Infrastruttura proposta mill-Kummissjoni fil-Kommunikazzjoni tagħha lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew (COM(2006)0376) li se tipprovd appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' infrastruttura trans-konfinali, li jista' jgħin biex jingħalqu l-qsim fi proġetti regionali infrastrutturali u li — skond il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp hawn fuq imsemmi — għandu jagħti lill-Istati Membri kollha l-opportunità li jip-preżentaw propositi ta' proġetti xierqa, irrispettivament minn kwalunkwe kontribuzzjoni dirett;

21. Jinnota li s-sostenibilità ekonomika ta' kull proġett infrastrutturali — jekk xieraq, flimkien ma' riformi f-politika ta' ħlasijiet — għandha tiġi żgurata u li s-sostenibilità ekoloġika m'għandhiex tiġi mhedda;

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

22. Jirrikonoxxi n-numru ta' riżorsi ta' l-ilma komuni u bejn il-fruntieri fl-Afrika, il-vulnerabilità tar-riżorzi ta' l-ilma għall-bidla fil-klima, għat-teħid żejed, u għat-tnejgiż; jistieden il-Kummissjoni biex tippromwovi l-immaniġġjar integrat tar-riżors ta' l-ilma fi ħdan is-Shubja bejn l-UE u l-Afrika dwar l-Infrastruttura biex tkun żgurata l-provvista ta' l-ilma għas-saħħa tal-bniedem u għas-sostenibilità ekoloġika;

23. Jirrikonoxxi li l-impatti ambjentali u soċjali ta' proġetti kbar infrastrutturali jistgħu jkunu serji; jissuġ-gerixxi li l-kriterji pprovduti mill-Kummissjoni Dinjija dwar id-Digi, li tinkludi analiżi ta' għażliet u parteċi-pazzjoni tal-pubbliku, jiffurmaw il-bażi tat-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward ta' proġetti kbar ta' digi;

24. Jitlob żieda fis-sehem ta' l-għajnuna għall-iżvilupp għal proġetti marbuta maż-żieda ta' l-għarfien tan-nies dwar kwistjonijiet ambjentali u ta' saħħa;

25. Jiddispjaċiħ li d-dimensjoni esterna ta' l-UE għall-Iżvilupp Sostenibbli mhix marbuta iktar mill-qrib ma' kwistjonijiet ta' saħħa pubblika bħall-HIV/AIDS u t-tuberkolożi; jisħaq li dawn il-kwistjonijiet iridu jiġu trattati fl-UE u l-bqija tad-din;

26. Jisħaq li l-involviment tas-soċjetà ċivili, ta' l-NGOs u b'mod partikulari tan-nisa fid-dibattitu u fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-Iżvilupp Sostenibbli huwa vitali biex jiżdied l-għarfien tal-pubbliku dwar il-kwistjoni; jinsisti dwar l-importanza ta' l-edukazzjoni biex jitrawmu għażliet ekoloġiċi sostenibbli, b'mod speċjalist fost l-ifqar popolazzjonijiet;

27. Jistieden il-Kummissjoni biex tagħti appoġġ għall-bini ta' kapaċità u għall-parcipazzjoni tal-komunitajiet lokali u popli indiġeni fil-pajjiżi fil-pajjiżi li għadhom jiżviluppaw fl-aċċess, fil-kontroll u fl-immaniġġjar tar-riżorsi naturali;

28. Jenfasizza li l-parcipazzjoni mtejba għandha bżonn trasparenza fil-provvista ta' informazzjoni relevanti u aċċessibilità aħjar għad-dokumenti ta' l-UE;

29. Jitlob it-twaqqif ta' indikaturi ta' l-iżvilupp sostenibbli biex jiġu applikati fir-rigward ta' linji politiċi ta' l-UE għall-iżvilupp koperattiv u għal rappurtar u mekkaniżmi ta' insegwiment aktar b'saħħithom relatati mal-bijodiversita u s-sostenibilità ambjentali;

30. Jitlob impenn iktar serju minn Stati Membri ġodda u antiki biex jintlaħaq l-objettiv ta' kontribuzzjoni ta' 0.7 % ta' l-ODA/GNI lill-koperazzjoni għall-iżvilupp;

31. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm kompatibiltà bejn ftehim ambjentali multilaterali bħall-Protokoll ta' Kyoto u l-qafas tad-WTO, b'mod partikulari fir-rigward l-applikazzjoni ta' l-Artikolu XX tal-Ftehma Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) rigward żoni ta' eċċeżżjonijiet ġenerali li saru skond miżuri bħal: (b) miżuri meħtieġa biex iħarsu l-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, ta' l-annimali jew tal-pjanti; u (g) miżuri marbuta mal-konservazzjoni ta' riżorsi naturali li jinħlew jekk miżuri bħal dawn jidħlu fis-seħħ flimkien ma' restrizzjoni fuq il-produzzjoni jew il-konsum domestiċi; jafferma mill-ġdid l-irwol ta' l-istudju ta' l-impatt tas-sostenibiltà ambjentali marbuta ma' proposti ta' kummerċ;

32. Jistieden lill-USA, iċ-Ċina u l-Indja sabiex jirratifikaw il-Protokoll ta' Kjoto u, flimkien ma' l-UE, sabiex jassumu responsabilità għall-iżvilupp Sostenibbli madwar id-dinja;

33. Jisħaq li l-UE għandha terġa' tqis l-effett tas-sussidji għall-esportazzjoni fuq il-pajjiżi li qed jiżvilup-paw, u b'mod partikolari fuq l-LDCs, u għandha żżid l-isforzi tagħha biex tabolixxihom permezz ta' negozjati kummerċjali internazzjonali;

34. Jerġa' jtengi l-importanza li jittaffa d-dejn ta' l-LDCs li l-gvernijiet tagħhom jirrispettaw il-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba;

35. Jemmen li n-Netwerk Ewropew ta' Żvilupp Sostenibbli jista' jkun punt ta' riferiment għall-iskambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri permezz ta', mekkaniżmi ta' reviżjoni bejn il-pari, per-eżempju;

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

36. Jemmen li t-twaqqif ta' korp permanenti konsultattiv u ta' monitoraġġ dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, li jkun jinkludi Stati Membri u rappreżentanti tas-soċjetà ċivika li jannaliżaw bir-reqqa l-integrazzjoni tal-kunċett fil-linji politiċi u programmi ta' l-UE, b'enfażi partikolari fuq il-koperazzjoni għall-iżvilupp, ikun ta' importanza kbira u kruċjali għall-appoġġ tal-Grupp ta' Ħidma Intern bejn is-Servizzi tal-Kummissjoni dwar l-Integrazzjoni Ambjentali fil-Koperazzjoni għall-iżvilupp;

37. Jenfasizza li pajjiżi żviluppati għandhom ikunu minn ta' l-ewwel fil-promozzjoni tal-kunċett ta' l-Iżvilupp Sostenibbli;

38. Jenfasizza li l-Iżvilupp Sostenibbli jimxi id fid ma' l-istituzzjonijiet sostenibbli, għalhekk huma meħtieġa miżuri konstrinġenti, bħal pereżempju r-rabta bejn tat-tnaqqis fid-dejn mar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba; jemmen li dan jista' jikkawża dinamika "donor-donor" u jikkostitwixxi koperazzjoni għall-iżvilupp ibbażata fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, is-sħubija u l-proprjetà;

39. Jisħaq l-importanza li jissaħħu l-Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEs) bħala għoddha ewlenja biex ikun promoss l-iżvilupp ambjentali, soċjali u ekonomiku f'pajjiżi li qed jiżviluppaw; għalhekk jitlob għal-sforzi intensifikati flimkien ma' l-awtoritatiet tal-pajjiż msieħba fit-tfassil ta' linji politiċi, programmi u proġetti li jiffavorixxu l-iżvilupp ta' SMEs, li joperaw bi qbil mal-prinċipji ta' l-Iżvilupp Sostenibbli; jtendi l-proposta tiegħu biex jiġu appoġġjati u ffinanzjati istituzzjonijiet reġjonali li jippromwovu l-SMEs;

40. Jistieden lill-Istati Membri ta' l-OECD biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw billi jżidu l-aċċess għal-flussi ta' investimenti u swiegħ meħtieġa u permezz ta' programmi ta' koperazzjoni għall-iżvilupp iktar effettivi;

41. Jinkoraġġixxi enfasi fuq il-GDP meta jitkejjel il-progress fis-soċjetà li jrid ikun bilanċċat minn tħassib ugħwali dwar l-aspetti kwalitattivi tat-tkabbir, peress li dan huwa rekwiżit bil-quddiem għall-Iżvilupp Sostenibbli;

42. Jenfasizza l-ħtieġa għal miżuri komplementari bħal miżuri fiskali sostenibbli u akkwist pubbliku u t-tnaqqis u l-eliminazzjoni progressiva ta' sussidji li johoqlu distorżjoni fil-kummerċ u jagħmlu ħsara lill-ambjent;

43. Jistieden lis-settur privat ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw u ta' pajjiżi żviluppati biex jadattaw u jikkomettu ruuhhom għal kodiċi ta' mgħiba għall-kumpaniji li jiddeskrivu pubblikament l-impenn bażiku tagħhom għall-objettiv ta' l-Iżvilupp Sostenibbli;

44. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmoniterja u tirrapporta regolarment dwar l-effettività tal-Kodiċi ta' Mgħiba għal Intrapriżi Ewropej li joperaw f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-implementazzjoni ta' rekwiżiti għall-Iżvilupp Sostenibbli;

45. Jilqa' l-aproċċ tal-Kummissjoni li tippromwovi fuq skala internazzjonali l-kwistjonijiet ta' Responsabilità Soċċjali tal-Kumpaniji (CSR); madankollu, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżżid il-valur tas-CSR billi tfassal regoli li jorbu iktar għal kumpaniji Ewropej li joperaw f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikulari fir-rigward l-standards fundamentali tax-xogħol ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-ħarsien ambjentali;

46. Ifakk lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li tibbażza l-programmi ta' żvilupp tagħha fuq it-trasparenza u r-responsabilità, peress li ħafna drabi l-korruzzjoni f'pajjiżi li qed jiżviluppaw issaħħaħ tendenzi mhux sostennibbli, pereżempju foqsma bħall-qtugħi illegali ta' siġar; u jenfasizza l-ħtieġa li jkun appoġġjat l-użu ta' għassiesa kontra l-korruzzjoni f'pajjiżi li qed jiżviluppaw billi jingħataw biżżejjejjed riżorsi għal proġetti bħal dawn;

47. Jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem ma' l-Istati Membri biex tidentika u tressaq il-qorti lil dawk ħatja li jimpurtaw illegalment injam u prodotti ta' l-injam mis-sors, u tagħti appoġġ lill-Istati Membri ta' l-ACP fazzjonijiet biex jitwaqqaf il-kummerċ u s-suq ta' tali prodotti;

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

48. Itenni l-importanza ta' Investiment Barrani Dirett għal pajjiżi li qed jiżviluppaw u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ifasslu l-politiki għall-iżvilupp tagħhom b'mod li jtejjeb il-qagħda kurrenti ta' l-istituzzjonijiet ekonomiċi u l-ambjent ta' investiment f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;

49. Jikkunsidra li l-awtoritajiet lokali f'pajjiżi li qed jiżviluppaw ma jkunux dejjem fpożizzjoni li jipprovdu il-kwantitajiet ta' finanzjament meħtieġa biex isiru investimenti kbar fil-kostruzzjoni u l-manutenzjoni ta' netwerks infrastrutturali, per eżempju għall-provvista ta' l-ilma jew biex tipprovd sanità, u għalhekk injejżjonijiet supplimentari ta' kapital privat biss, permezz ta' sħubija pubblika-privata, jkunu jistgħu jipprovdu l-kwantità meħtieġa ta' finanzjament;

50. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tagħti appoġġ b'saħħtu lill-iskema ta' liċenzjar FLEGT u lil ftehim imfassla ta' Sħubija Volontarja (VPAs); jemmen illi għandha tingħata attenzjoni partikolari biex il-pajjiżi msieħba jiġu persważi biex jiffirmaw il-VPAs u jissieħbu fl-iskema ta' liċenzjar, filwaqt li tkun evitata l-possibiltà li dawk l-imsieħba jaħarbu l-iskema billi jesportaw lil pajjiżi terzi, fejn m'hemm skemi ta' liċenzjar;

51. Jenfasizza l-importanza li jtejjeb id-djalogu soċjali ma' negozji lokali f'pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jitrawwmu koperazzjoni u responsabilitajiet komuni sabiex ikun hemm konsum u produzzjoni sostenibbli u appoġġ għat-tagħlim f'dan ir-rigward bejn il-pajjiżi tan-nofsinhar u bejn dawk tat-tramuntana u nofsinhar;

52. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel enfażi partikolari waqt in-negozjati għall-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika fuq strateġiji li jrawwmu diversifikazzjoni akbar fl-esportazzjoni mill-pajjiżi ta' l-ACP u tagħti appoġġ lil mudelli ta' tkabbir u żvilupp li huma ambjentalment sostenibbli u soċjalment ġusti;

53. Jerġa' jafferma li għal pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-aċċess għal sorsi ta' l-enerġija huwa priorită ewlejja; f'dan ir-rigward, jitlob li jkun promoss l-aċċess għall-enerġija permezz ta' l-Inizjattiva ta' l-UE dwar l-Enerġija u billi jkun aġġornat il-profil ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija f'programmi ta' żvilupp;

54. Jenfasizza illi, fkuntest ta' tkabbir urban anarkiku, l-ilma u s-sanità urbana hija kwistjoni ta' żvilupp ewlenja, peress li prattiki tajba fil-qasam ta' governanza domokratika lokali jistgħu jinbnew madwar is-servizzi pubbliċi lokali;

55. Jistieden lil pajjiżi li qed jiżviluppaw, sabiex ikun assigurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi ta' l-ilma tagħhom, biex jiddecentralizzaw l-immaniġġjar ta' l-ilma għal livel lokali sabiex jinvolvu l-utenti u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonjet fil-formolazzjoni tal-linji politiċi dwar l-ilma flivell kemm jista' jkun qrib il-bżonnijiet taċ-ċittadini;

56. Jistieden lill-awtoritajiet lokali fl-EU sabiex jiġu nkorraġuti jużaw parti mid-dħul mill-ħlasijiet ta' l-utenti għall-provvista tas-servizzi ta' l-ilma u s-sanità sabiex jieħdu miżuri ta' koperazzjoni deċentralizzati biex jiffinanzjaw proġetti biex jitiegħ l-aċċess għall-ilma f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;

57. Jistieden lill-UE sabiex tfassal strateġiji biex jinkoragħxu triq ta' żvilupp ekonomiku u agrikolu kompatibbli maż-żamma jew it-tishħiħ ta' standard għoli ta' kwalità ta' l-ilma, mill-ilma ta' taħbi l-art għall-ilma fornut lill-konsumatur finali;

58. Iqis li huwa neċċesarju li l-kunċett ta' Żvilupp Sostenibbli jiġi integrat fil-proċess ta' riċerka u innovazzjoni;

59. Jistieden lill-partijiet kollha biex jistabbilixxu objettivi konkreti ta' żvilupp sostenibbli għaż-żmien qarib u għat-tul u biex jimmoniterjaw il-progress li sar fil-kisba ta' dawn l-objettivi;

60. Jemmen li fl-ambitu tal-Koerenza tal-Politika għall-İżvilupp u fir-rigward ta' l-immigrazzjoni, l-Istati Membri jaslu għal ftehma komuni biex jiffacċċaw l-isfida ta' l-immigrazzjoni; ifakk il-rigward li għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-fondi mibgħuta u għall-bidla ta' linji politiċi li jikkawżaw "brain-drain" fi proċessi ta' "brain-gain". Jenfasizza li l-UE m'għandhiex tikkawża effetti ta' "brain-drain" għal tul ta' żmien li huma ta' ħsara għal pajjiżi li qed jiżviluppaw;

61. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati.

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

P6_TA(2007)0015

Abbozz ta' Baġit ta' Emenda nru 1/2007

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 1/2007 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007: ftehma li tirriżulta mit-trilogu tat-28 ta' Novembru 2006 — Fondi Strutturali, Fond Ewropew għas-Sajd, Fond Ewropew għall-Investiment u ċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka (5739/2007 — C6-0060/2007 — 2006/2303(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari s-subparagrafu ta' qabel ta' l-aħħar ta' l-Artikolu 272(4) tiegħu,
 - wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikulari l-Artikolu 177 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, kif ġie adottat b'mod finali fl-14 ta' Diċembru 2006,
 - wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Abbozz preliminari ta' baġit ta' emenda Nru 1/2007 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, li l-Kummissjoni ppreżentat fl-20 ta' Diċembru 2006 (SEC(2006)1776),
 - wara li kkunsidra l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 1/2007, li l-Kunsill stabbilixxa fit-30 ta' Jannar 2007 (5739/2007 — C6-0060/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0010/2007),
- A. peress li jinħtieġu aġġustamenti tekniċi sabiex ir-riżultat tal-laqgħa tat-trilogu tat-28 ta' Novembru 2006 jista' jkun ikkunsidrat u implimentat fil-baġit ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena 2007,
- B. billi l-għan ta' l-abbozz ta' baġit ta' emenda Numru 1/2007 huwa li jintroduċi dawn l-aġġustamenti,
1. Jilqa' l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 1/2007;
 2. Japrova bla emendi l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 1/2007;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emdat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

⁽²⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

P6_TA(2007)0016

Id-drittijiet tal-bniedem tad-Daliti fl-Indja

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem tad-Daliti fl-Indja

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra s-seduta li saret mill-Kumitat tiegħu għall-Iżvilupp fit-18 ta' Diċembru 2006,
 - wara li kkunsidra r-reżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Settembru 2006 dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali ta' l-UE ma' l-Indja (¹) u r-riżoluzzjoni jiet annwali tal-Parlament dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-2000, l-2002, l-2003 u l-2005,
 - wara li kkunsidra r-Rakkmandazzjoni Ġenerali XXIX (diskriminazzjoni bbażata fuq id-dixxendenza) adottata mill-Kumitat tan-Nazzjoni Uniti (NU) għall-Qirda tad-Diskriminazzjoni Razzjali fit-22 ta' Awissu 2002 u t-48 miżura li għandhom jittieħdu mill-Istati Kontraenti,
 - wara li kkunsidra l-istudju li qed isir mis-Sotto-Kummissjoni tan-NU dwar il-Promozzjoni u l-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem, li fiha qed jiġu żviluppati abbozzi ta' Prinċipji u Linji Gwida għall-qirda tad-diskriminazzjoni bbażata fuq ix-xogħol u fuq id-dixxendenza', u wara li jieħu kont tar-rapport preliminari maħruġ mir-Rapporteurs Speċjali dwar id-diskriminazzjoni bbażata fuq ix-xogħol u fuq id-dixxendenza,
 - wara li kkunsidra d-dispożizzjoni varji fil-Kostituzzjoni ta' l-Indja għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tad-Daliti, li jolqtu mill-inqas 167 miljun persuna, inklużi dawk id-dispożizzjoni jiet dwar it-tnejhija tal-prattika li ġeru persuni ma jistgħux jintmessu, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-kasta, l-ugwaljanza ta' l-opportunitajiet fir-rigward ta' impieg pubbliku u azzjoni affermattiva fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, ta' l-impieg, u tal-politika permezz ta' kwot f'sistituzzjoni jimmexxija mill-Istat u korpi politiċi rappreżentativi; wara li kkunsidra wkoll il-bosta miżuri leġiżlattivi li jordnaw it-tnejhija ta' wħud mill-agħar prattiki marbuta ma' l-idea li ġeru persuni ma jistgħux jintmessu u mad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta, fosthom ix-xogħol sfurzat biex jitħallas id-dejn, it-tindif bl-idejn tal-latrini mingħajr sistema ta' drenaġġ u l-atroċitajiet kontra d-Daliti,
 - wara li kkunsidra l-Kummissjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kummissjoni Nazzjonali u Statali għall-Kasti Skedati u l-Kummissjoni Nazzjonali Safai Karamchari (li tittratta l-problema tat-tindif bl-idejn tal-latrini mingħajr sistema ta' drenaġġ),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 91 u 90(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Indja hija l-akbar demokrazija li tiffunzjona fid-dinja, fejn kull ċittadin huwa ndaqs quddiem il-kaxxa tal-vot, l-aħħar President u Kap ta' l-Istat ta' l-Indja kien Dalit, u xi Daliti servew bħala ministri; billi jeżistu ideologji Indu li jirrifutaw id-diskriminazzjoni skond il-kasta u jqis u l-esklużjoni bħala aberrazzjoni tal-fidi tagħhom,
 - B. billi l-persuni Dalit u gruppi simili jinsabu wkoll fin-Nepal, fil-Pakistan u fil-Bangladesh,
 - C. billi l-Kummissjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-Indja rrappurtat li l-implementazzjoni ta' l-Att dwar il-Kasti Skedati u t-Tribujet Skedati (Prevenzjoni ta' l-Atroċitajiet) għadha mhix sodisaċenti, u billi hija ppubblikat għadd ta' rakkmandazzjoni jiet biex tindirizza din il-problema,
 - D. billi, minkejja s-sebgħa u għoxrin atroċità kommessi kontra d-Daliti kuljum u li huma reġistrati offiċjalment, il-pulizija spiss ma jħallux lid-Daliti jidħlu fl-għases tal-pulizija, jirrifutaw li jirreġistraw każżejjiet min-naħħa tad-Daliti u spiss jirrikorru għall-prattika tat-tortura bl-impunità kontra d-Dalit,

(¹) Testi Adottati, P6_TA(2006)0388.

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

- E. billi, minkejja l-fatt li ħafna Daliti ma jirrappurtawx ir-reati minħabba li jibżgħu mit-tpattija min-naħħa tal-kasti dominanti, l-istatistika ufficjalji tal-pulizija fuq l-aħħar ħames snin turi medja ta' tlettix-il Dalit maqtula kull ġimħa, ħamest idjar tad-Daliti jew ħwejjiġhom maħruqa kull ġimħa, sitt Daliti maħtu fa kull ġimħa, tlett Daliti nisa stuprati kuljum, ħdax-il Dalit imsawta kuljum u delitt kontra d-Daliti kull tmittax-il minuta (¹),
- F. billi studju riċenti li sar fiż-żoni rurali ta' l-Indja dwar l-idea li ġertu persuni ma jistgħux jintmessu (²), u li kien ikopri 565 raħal fi 11-il Stat, sab li ħaddiema fil-qasam tas-saħħa pubblika rrifjutaw li jżuru dd-djar tad-Daliti fi 33 % ta' l-irħula, li d-Daliti ma tħallewx jidħlu fl-għases tal-pulizija f'27.6 % ta' l-irħula, li t-tfal Daliti kellhom ipoġġu bilqiegħda f'post separat waqt l-ikel f'37.8 % ta' l-iskejjejel tal-gvern, li d-Daliti ma tqassmit il-homx il-posta fi djarhom f'23.5 % ta' l-irħula, u li ġew miċħuda l-aċċess għas-sorsi ta' l-ilma fi 48.4 % ta' l-irħula minħabba s-segregazzjoni u l-prattika li ġertu persuni ma jistgħux jintmessu,
- G. billi nofs it-tfal Dalit ta' l-Indja mhumiex mitmugħha biżżejjed, 21 % "għandhom ħafna nqas mill-pis li suppost li jkollom", u 12 % jmutu qabel ma jagħlqu ħames snin (³),
- H. billi l-idea li ġerti persuni ma jistgħux jintmessu għenet biex tgħolli ħafna aktar r-rata ta' tfal li ma jkomplux l-iskola u ta'l-illitteriżmu fost it-tfal Daliti meta mqabbla mar-rati fost il-popolazzjoni ġenerali, u d-differenza fir-rata tal-litteriżmu bejn id-Daliti u dawk mhux Daliti bilkemm inbidlet mill-indipendenza ta' l-Indja 'l-hawn, u r-rati tal-litteriżmu fost in-nisa Dalit baqgħu baxxi ferm, u waslu sa 37.8 % fl-Indja rurali (⁴),
- I. billi n-nisa Daliti, li flimkien man-nisa "Tribali" huma l-ifqar fost il-fqar fl-Indja, jiffacċċaw diskriminazzjoni doppja fuq il-bażi tal-kasta u tal-ġeneru fl-oqsma kollha tal-ħajja, huma suġġetti għal ksur gravi ta' l-integrità fiżika tagħhom, fosthom l-abbuż sesswali bl-impunità mill-kasti dominanti u huma esklużi soċjalment u sfruttati ekonomikament,
- J. billi l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Kasti Skedati osservat nuqqas sostanzjali ta' allokazzjonijiet u nuqqas ta' nfiq ta' l-allokazzjonijiet għall-benessri u l-iżvilupp tad-Daliti fi ħdan il-Pjan Specjalji tal-gvern għall-Kasti Skedati,
- K. billi d-Daliti huma suġġetti għal xogħol sfurzat u xogħol biex jitħallas id-dejn u jsorfu diskriminazzjoni f'għadd ta' swieq, fosthom is-swieq tax-xogħol, tad-djar, tal-konsumatur, tal-kapital u tal-kreditu; jitħallsu pagi aktar baxxi u huma suġġetti għal hinnej itwal tax-xogħol, pagi li jitħallsu tard u abbuż verbali jew fiżiku,
1. Jilqa' d-dispożizzjonijiet varji fil-Kostituzzjoni ta' l-Indja għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tad-Daliti; jinnota, madankollu, li minkejja dawn id-dispożizzjonijiet, l-implementazzjoni tal-liggi jiet li jħarsu d-drittijiet tad-Dalit tibqa' ferm inadegwata, u li l-attroċitajiet, l-idea li ġerti persuni ma jistgħux jintmessu, l-illitteriżmu, l-inugwaljanza ta' l-opportunità, it-tindif tal-latrini mingħajr drengi bl-idejn, ħlas ta' pagi mhux xierqa, xogħol sfurzat biex jitħallas id-dejn, xogħol mit-tfal u nuqqas ta' art jibqgħu jippersigwitaw id-Daliti fl-Indja;
 2. Juri t-tħassib tiegħu dwar ir-rata baxxa ta' persuni li jinstabu ħatja ta' reati ta' dan it-tip u jitlob lill-Gvern ta' l-Indja sabiex itejeb is-sistema tiegħu tal-ġustizzja kriminali biex jiffacċilita r-reġistrazzjoni ta' akkużi kontra dawk ħatja ta' reati kontra d-Daliti, biex tiżdied ir-rata ta' kundanna ta' l-awturi ta' dawn r-reati, sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti d-dewmien tal-proċeduri tal-Qorti; u biex jieħu miżuri speċjali favur il-ħarsien tan-nisa Daliti;
 3. Jilqa' l-probjazzjoni riċenti ta' l-impieg tat-tfal bħala sefturi domestiċi u ħaddiema f'postijiet ta' l-ikel ma' ġenb it-triq, ristoranti, ħwienet tat-te' eċċ-, u jħeġġeġ lill-Gvern Indjan biex jieħu aktar passi favur it-tnejħħija totali ta' kull forma ta' xogħol magħmul mit-tfal;
 4. Jitlob lill-Gvern ta' l-Indja biex jieħu passi urġenti biex jiggħarantixxi aċċess indaqs għad-Daliti għall-ġħases tal-pulizija u għall-istiżżonijiet u l-faċilitajiet pubbliċi kollha, inklużi dawk marbuta ma' l-istruttura demokratika tiegħu bħall-bini panchayat (il-bini tal-assemblea lokali diversi) u postijiet tal-votazzjoni;

(¹) Skond figuri pprovduti minn Crime in India 2005, <http://ncrb.nic.in/crime2005/home.htm> u <http://ncrb.nic.in/crime2005/cii-2005/CHAP7.pdf>.

(²) Cf. G.Shah, H.Mander, S.Thorat, S.Deshpande u A.Baviskar, *Untouchability in Rural India*, Sage Publications, l-Indja, 2006.

(³) National Family Health Survey, ikkummissjonat mill-Ministeru Indjan tas-Saħħa u tal-Benessri tal-Familja, 1998-99 (l-aħħar stħarriġ disponibbli), Kapitolu 6, p.187, <http://www.nfhsindia.org/data/india/indch6.pdf>.

(⁴) Ċensiment ta' l-Indja ta' l-2001.

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

5. Jilqa' bil-ferħ il-politika fiskali segwita mill-Kummissjoni ta' l-Ippjanar ta' l-Indja u mill-Ministeri varji fil-provvista ta' l-allokazzjonijiet baġitarji favur il-benessri u l-iżvilupp tad-Daliti, u jitlob lill-Gvern ta' l-Indja biex jiggarrantixxi implemantazzjoni sħiħa u marbuta biż-żmien tal-miżuri politiċi u baġitarji kollha favur il-benessri u l-iżvilupp tad-Daliti, fosthom l-implementazzjoni sħiħa tal-Pjan Speċjali għall-Kasti Skedat;
6. Iħeġġeġ lill-Gvern ta' l-Indja biex ikompli jaħdem mal-korpi rilevanti tan-NU marbuta mad-drittijiet tal-bniedem dwar it-Tnejhija effettiva tad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta, fosthom il-Kumitat għall-Qirda tad-Diskriminazzjoni Razzjali u r-Rapporteurs Speċjali tan-NU assenjati biex jiżviluppaw Princípjii u Linji Gwida dwar it-Tnejhija tad-Diskriminazzjoni bbażata fuq ix-Xogħol u fuq id-Dixxendenza;
7. Jitlob lill-Gvern ta' l-Indja biex jirratifika l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattamenti jew Kastigi Oħra Kiefra, Inumanu u Degradanti u biex jieħu miżuri preventivi biex inaqqsas ir-riskju li d-Daliti jiċċaċċaw it-tortura, biex jieħu miżuri legali biex jikkriminalizza t-tortura fl-Indja, biex jieħu miżuri punittivi fil-prosekuzzjoni ta' pulizija li jwettqu t-tortura, biex jipprovdji r-rijabilitazzjoni u l-kumpens, b'mod konsistenti, għall-vittmi tat-tortura u biex iwaqqaf mekkaniżmu indipendenti li jkun aċċessibbli għad-Daliti biex jilqa' l-ilmenti tal-vittmi tat-tortura;
8. Jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' impenn sostanzjali ta' l-UE mal-Gvern Indjan, b'mod partikulari fil-Laqqhat Għolja bejn l-UE u l-Indja, dwar il-problema vasta tad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta;
9. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iqajmu l-kwistjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta waqt il-Laqqhat Għolja bejn l-UE u l-Indja, u laqqhat oħra bħala parti mid-djalogi kollha politiċi, dwar id-drittijiet tal-bniedem, is-soċjetà ċivili, l-iżvilupp u l-kummerċ u biex jinfurmaw lill-kumitat konċernati dwar il-progress u r-riżultat ta' djalogi ta' dan it-tip;
10. Iħeġġeġ lill-membri ta'l-UE tal-Kumitat ta' Azzjoni Konġunta biex jiżviluppaw djalogo dwar il-problema tad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta fil-qafas tad-diskussionijiet tiegħi dwar id-demokrazija u ddrittijiet tal-bniedem, il-politika soċjali u ta' l-impieg u l-koperazzjoni għall-iżvilupp;
11. Itenni li jistenna li l-programmi ta' l-UE dwar l-iżvilupp fl-Indja jinkludu miżuri speċifiċi biex jassiġuraw li minoritajiet bħad-Daliti u l-Adivasi u komunitajiet, tribujet u kasti marġinalizzati oħra jkunu jist-għu inaqqsu d-differenza kbira meta mqabbla mal-bqja tal-popolazzjoni biex jintlaħqu l-Għanijiet tal-Mil-lennju għall-iżvilupp;
12. Ifakkar it-talba tiegħi sabiex il-Kusill u l-Kummissjoni jagħtu priorità lill-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs fl-impieg f'kumpanji privati bbażati fl-UE u sabiex jinkora ġġixxu kumpanji bbażati fl-UE biex jimplimentaw il-'Princípjji Ambedkar' (l-Impieg u Princípjji Addizzjonali dwar l-Esklużjoni Ekonomika u Soċċali Fformulati biex Jgħinu lill-Investituri Kollha Barranin fl-Asja ta' Isfel biex Jindirizzaw id-Diskriminazzjoni Bbażata fuq il-Kasta);
13. Jilqa' l-impenn ta' l-UE favur l-iżvilupp ta' Princípjji u Linji Gwida dwar it-Tnejhija tad-Diskriminazzjoni bbażata fuq ix-Xogħol u fuq id-Dixxendenza mis-Sotto-Kummissjoni tan-NU għall-Promozzjoni u l-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ikomplu jaġħtu dak l-appoġġ;
14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħi biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament ta' l-Indja, lis-Segretarju-Ġenerali tan-NU, u lill-kapipiet tas-Sotto-Kummissjoni tan-NU għall-Promozzjoni u l-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Organizzazzjoni Dinjija ta' Xogħol, lill-UNICEF, lill-Bank Dinji u lill-Fond Monetarju Internazzjonali.

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

P6_TA(2007)0017

Ftehima ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Gabon *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehma ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Gabon (COM(2006)0454 — C6-0303/2006 — 2006/0156(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Kunsill (COM(2006)0454)⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(2), l-ewwel sottoparagrafu tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel sottoparagrafu, tat-Trattat KE skond liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0303/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0477/2006),
1. Japrova l-proposta għal regolament tal-Kunsill kif emadata u japrova l-konklużjoni tal-ftehma;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jagħaddi din il-pożizzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lir-Repubblika tal-Gabon.

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI TAL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 2 a (ġidla)

(2a) Il-kumpens finanzjarju tal-KE jintuża għall-iżvilupp tal-popolazzjonijiet ta' mal-kostali li huma dipendenti fuq is-sajd u kif ukoll għall-ħolqien ta' industriji żgħar lokali ta' ffriżar u pproċessar;

Emenda 2

Artikolu 3 a (ġidid)

Artikolu 3a

Waqt l-aħħar sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll u qabel ma tiġi konklużja xi ftehma ġidha jew ma jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tal-Ftehma annessa ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni tal-ftehma u l-kundizzjonijiet skond liema ġiet implementata.

⁽¹⁾ Għadha mhix ippublikata fil-ĠU.

Emenda 3
Artikolu 3 b (ġdid)

Artikolu 3b

Il-Kummissjoni, kull sena, għandha tħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-programm settor-jali multi-annwali deskrirt fl-Artikolu 7 tal-Protokoll.

Emenda 4
Artikolu 3 c (ġdid)

Artikolu 3c

Fuq il-bażi tar-rapport imressaq mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 3a u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill għandu, jekk xieraq, jagħti mandat ta' negozjar lill-Kummissjoni bil-għan li jiġi adottat Protokoll ġdid.

Emenda 5
Artikolu 3 d (ġdid)

Artikolu 3d

Il-Kummissjoni għandha tevalwa kull sena jekk l-Istati Mem-bri li l-bastimenti tagħhom jistadu taħt il-Ftehma ikunux ikkonformaw mar-rekwiżiti ta' rrappurtaġġ.

P6_TA(2007)0018

Moratorju għall-piena tal-mewt

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-inizjattiva favur moratorju universali għall-piena tal-mewt

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar moratorju universali għall-piena tal-mewt u partikularment ir-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2003 (¹); tas-6 ta' Mejju 1999 (²), u tat-18 ta' Ġunju 1998 (³),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet dwar il-moratorju għall-piena kapitali adottata minn korpi varji tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluża l-Kummissjoni tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li jappoġġjaw moratorju universali għall-piena kapitali u d-dikjarazzjoni dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt magħmulha fid-19 ta' Diċembru 2006 fl-Assemblea Ġenerali tan-NU, li kienet issfirmata minn 85 pajjiż mill-gruppi ġeografiċi kollha,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida dwar il-politika ta' l-UE lejn pajjiżi terzi rigward il-piena tal-mewt tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali tad-29 ta' Ġunju 1998,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 103 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

(¹) ĠU C 82 E, 1.4.2004, p.609.

(²) ĠU C 279, 1.10.1999, p.421.

(³) ĠU C 210, 6.7.1998, p. 207.

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

- A. billi l-piena tal-mewt hija kastig krudil u inuman u vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja,
- B. billi l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt huwa valur fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u huwa rekwiżit għal kull pajjiż li jixtieq jissieħeb fl-UE,
- C. billi huma inkwetat ħafna li llum f'għadd numeruż ta' pajjiżi għadhom jeżistu, jew reġgħu ġew introdutti, leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jikkontemplaw il-piena għall-mewt u li jippermettu l-eżekuzzjoni ta' eluf ta' bnedmin kull sena,
- D. billi, fl-istess ħin, qed ikompli l-progress lejn it-tnejħija tal-piena tal-mewt fid-dinja kollha; billi t-tnejħija totali tal-piena tal-mewt fil-Liberja, fil-Messiku, fil-Filippini u fil-Moldova ġdawn l-aħħar snin u ċ-ċaħda tal-Kongress Peruvjan ta' abbozz ta' li ġiġi li ddaħħal il-piena tal-mewt għal reati marbutin mat-terroriżmu għandhom jiġu milquġha,
- E. billi l-UE ddeċidiet, fil-qafas tal-Linji Gwida tagħha dwar il-politika ta' l-UE lejn pajjiżi terzi rigward il-piena tal-mewt, li taħdem fi ħdan korpi internazzjonali favur l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt,
- F. billi fid-9 ta' Jannar 2007 l-Gvern Taljan u l-Kunsill ta' l-Ewropa ddeċidew li jaħdmu flimkien sabiex jiġbru kull appoġġ possibbli għall-inizjattiva preżenti fl-Assemblea Ġenerali tan-NU għal moratorju dinji għall-eżekuzzjoniż bil-għan li l-piena tal-mewt tiġi abolita kompletament;
- G. billi fis-27 ta' Lulju 2006 l-Kamra tad-Deputati Taljana adottat unanimament riżoluzzjoni li titlob lill-Gvern Taljan: "illi, fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li jmiss, u wara li jiġi kkonsultati l-imsieħba tiegħu ta' l-UE, mingħajr madankolu ma tkun meħtieġa l-approvazzjoni unanima tagħhom, jippreżenta mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar moratorju universali għall-piena tal-mewt sabiex tiġi abo-lita kompletament il-piena tal-mewt fid-dinja"; billi fit-22 ta' Jannar 2007 l-Kunsill għall-Affarijet Ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea qabel li l-Presidenza Ġermaniża ta' l-UE tiken fi New York il-possibilitajiet u l-modalitajiet sabiex jerġgħu jinfetħu d-dibattitu u l-konsiderazzjoni tal-proposta għal moratorju universali għall-piena tal-mewt,
- H. filwaqt li jikkundanna l-eżekuzzjoni ta' Saddam Hussein u l-isfruttament mill-mezzi ta' komunikazzjoni tat-tgħalli tiegħu, kif ukoll il-mod li bih dan sar;
1. Itenni l-pożizzjoni tiegħu, kostanti għal bosta żmien, kontra l-piena tal-mewt fi kwalunkwe każ u ċirkustanza, u jesprimi għal darba oħra l-konvinzjoni tiegħu li l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt tikkontrib-wixxi għas-sedqa tad-dinjità umana u għall-iżvilupp progressiv tad-drittijiet tal-bniedem;
2. Jitlob sabiex jiġi stabbilit minnufih u bla ebda kundizzjoni moratorju internazzjonali fuq l-eżekuzzjoniż kapitali bil-ħsieb ta' abolizzjoni universali ta' piena kapitali li dawn jiġi aboliti permezz ta' riżoluzzjoni għal dan l-iskop ta' l-Assemblea Ġenerali attwali tan-NU, li l-implementazzjoni effettiva tagħha tkun tista' tiġi mmoniterjata mis-Segretarju Ġenerali tan-NU;
3. Isejjaħ lill-Presidenza ta' l-UE sabiex tieħu b'urġenza azzjoni xierqa sabiex tiżgura li din ir-riżoluzzjoni tiġi ppreżentata b'urġenza lill-Assemblea Ġenerali tan-NU; isejjaħ lill-Presidenza ta' l-UE u lill-Kummissjoni sabiex iżommu l-Parlament Ewropew infurmat dwar ir-riżultati li jintlaħqu fl-Assemblea Ġenerali attwali tan-NU dwar moratorju universali għall-piena tal-mewt;
4. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet ta' l-UE u lill-Istati Membri sabiex jagħmlu l-almu tagħhom kollu, kemm politiku u kemm diplomatiku, sabiex jiżguraw is-suċċess ta' din ir-riżoluzzjoni fi ħdan l-Assemblea Ġenerali attwali tan-Nazzjonijiet Uniti;
5. Jappoġġja bis-sħiħ l-inizjattiva tal-Kamra tad-Deputati u tal-Gvern Taljan li hija appoġġjata mill-Kunsill ta' l-Unjoni, mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill ta' l-Ewropa;
6. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri kollha ta' l-UE biex jirratifikaw bla dewmien it-Tieni Protokoll Fakultattiv tal-Patt Internazzjonali dwar Drittijiet Ċivili u Politiċi, bil-għan li l-piena tal-mewt titneħħa kompletament;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Presidenza ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU u lill-Istati Membri tan-NU kollha.

P6_TA(2007)0019

Il-promozzjoni ta' dieta tajba għas-saħħa u ta' l-attività fiżika

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar “Il-promozzjoni ta’ dieta tajba għas-saħħa u ta’ l-attività fiżika: dimensjoni Ewropea għall-prevenzjoni tal-ħxuna, l-obeżità u l-mard kroniku” (2006/2231(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni (COM(2005)0637),
- wara li kkunsidra l-istrateġja globali dwar id-dieta tajba, l-eżerċizzju fiżiku u s-saħħa, adottata mill-57 Assemblea Dinjija dwar is-Saħħa fit-22 ta’ Mejju 2004,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill ta’ l-14 ta’ Diċembru 2000 dwar is-saħħa u n-nutrizzjoni (¹),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Impjieg, il-Politika Soċċali, is-Saħħa u l-Affarijiet tal-Konsumatur tat-3 ta’ Ġunju 2005, dwar l-obeżità, in-nutrizzjoni u l-attività fiżika,
- wara li kkunsidra l-laqgħa informali tal-Ministri ta’ l-Isports Ewropej fid-19 u l-20 ta’ Settembru 2005 li fiha l-Presidenza Inglīza pproponiet il-ħolqien ta’ grupp ta’ ħidma dwar l-Isports u s-Saħħa,
- wara li kkunsidra l-appell tax-xjenzjati fl-għaxar kungress internazzjonali dwar l-obeżità (ICO 2006) li sar f'Sydney bejn it-3 u t-8 ta’ Settembru 2006,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet li ħarġu mill-konferenza ta’ esperti ta’ livell għoli, “Is-saħħa fil-Pulitiki Kollha” tal-Presidenza Fillandiża, li saret f’Kuopio fl-20 u l-21 ta’ Settembru 2006,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta’ l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0450/2006),
- A. billi n-numru ta’ persuni li jsoffru mill-obeżità żidet b’mod spettakolari matul dawn l-aħħar tletin sena fl-Unjoni Ewropea; billi r-rata tat-tkabbir ta’ dan il-fenomenu hija bħal dik li kienet fl-Istati Uniti fil-bidu tas-snini disgħin, u billi kważi 27 % ta’ l-irġiel u 38 % tan-nisa fl-Ewropa llum huma meqjusa li għand-hom piżżejjed jew li jsoffru mill-obeżità,
- B. billi l-prevalenza ta’ l-obeżità li dejjem qed tiżdied, speċjalment fit-tfal, mhix limitata biss għall-UE u pajjiżi sinjuri oħrajn, iżda qed tiżdied b’mod drammatiku f’diversi pajjiżi li qed jiżviluppaw,
- C. billi l-obeżità taffetwa wkoll l fuq minn ħames miljun tifel u tifla fl-UE 27 u billi r-rata ta’ żieda hija allarmanti, b'madwar 300,000 każ-ġid fis-sena,
- D. billi studji wrew li persuni b'diżabilità huma friskju akbar mill-obeżità kkawżata minn numru ta’ fatturi, inklużi l-bidliet patofizjoloġiči fil-metaboliżmu ta’ l-enerġija u tal-kostituzzjoni tal-ġisem, l-atrofija mus-kolari u l-inattività fiżika,
- E. billi l-konsum ta’ l-enerġija fost gruppi kbar tal-popolazzjoni ilu stabbli mill-ħamsinijiet l-hawn; billi bidliet fil-modi ta’ għixien wasslu safrattant għal tnaqqis, kemm fl-attività fiżika u kemm fix-xogħol fiżiku, u b'hekk naqqsu l-ammont ta’ enerġija meħtieġa u ħolqu żbilanċ bejn it-talba għal enerġija u l-forniment ta’ enerġija,

(¹) ġu C 20, 23.1.2001, p.1.

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

- F. billi għadd ta' proġetti u studji kkonfermaw li fl-inċidenza ta' l-obezitā jeżistu disparitajiet prekoċi li għandhom x-jaqsmu ma' l-ambjent socioekonomiku, u aktar ma familia għandha mezzi finanzjarji limitati u livell ta' edukazzjoni baxx, aktar m'hi frekwenti l-marda, .
- G. billi, meta jinħoloq Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE għall-promozzjoni ta' modi ta' ħajja tajbin għas-saħħa, għandha tingħha attenzjoni xierqa għad-drawwiet varji ta' dieta u għat-tendenzi tal-konsum li jeżistu fl-İstati Membri,
- H. billi r-rapport ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħha (WHO) ta' l-2005 dwar is-sahħha fl-Ewropa juri b'mod analitiku li numru kbir ta' mwiet u mard huwa kkawżat minn seba' fatturi prinċipali ta' riskju, li sitta minnhom (l-ipertensjoni, il-kolesterol, l-indiċi tal-massa eċċessiva tal-ġisem, il-konsum inadegwaw ta' frott u ħxejjex, in-nuqqas ta' attivitā fiżika u l-konsum eċċessiv ta' alkoħol) huma marbutin mad-dieta u ma' l-eżerċizzju fiżiku, u billi dawn il-fatturi determinanti fuq is-sahħha għandu jsir xi ħaġa dwarhom bl-istess priorità bil-għan li jiġi evitat numru sinifikanti ta' mwiet u ta' mard,
- I. billi dieta tajba għas-sahħha għandha titqies bħala waħda li jkollha ġerti karakteristiċi kwantitattivi u kwalitattivi bħal m'huma l-kontenut ta' enerġija li jkun skond il-bżonnijiet individuali u dejjem bi qbil mal-prinċipji tad-dieta,
- J. billi minkejja li bil-kompetenzi li jagħtuha t-Trattati l-Unjoni għandha rwol essenziali fil-protezzjoni tal-konsumaturi rigward dieta tajba u bbilanċjata u l-konsum ta' frott u ħaxix, il-miżuri tal-Komunità fejn għandha x-taqsam il-promozzjoni ta' l-attività fiżika u l-isports, jeħtieġ li jiżidiedu ma' dawk implimentati mill-İstati Membri, ir-reġuni u l-iblet tagħhom,
- K. billi kkunsidra l-impatt socioekonomiku tal-mardiet relatati mal-problemi ta' piżżejjed digħi jammontaw għal madwar 4% u 7% tan-nefqa totali għas-sahħha ta' l-İstati Membri; billi n-nefqa ġenerali ta' l-obezitā (b'kunsiderazzjoni taż-żieda probabbli fil-qagħad, il-waqfien mix-xogħol u l-invaliditā) għadha ma kell-hiex evalwazzjoni xjentifika preciżha,
- L. billi 'l biċċa kbira ta' l-İstati Membri nedew politiki biex jattakkaw il-problema ta' l-obezitā u biex jgħollu l-livell tas-sahħha tal-popolazzjoni tagħhom, fejn xi wħud mill-gvernijiet ħadu ġerti miżuri ta' interdizzjoni, waqt li oħrajn għażlu miżuri ta' inkoraġġiment,
- M. billi xi Stati Membri ħadu pereżempju deċiżjoni biex jirregolaw, saħansitra li jrażżu, il-preżenza tad-distributuri awtomatiċi fl-ambjent skolastiku minħabba l-prodott fqr li joffru u l-ftit spazji li jħallu għal xorb bla zokkor, frott u ħaxix u prodotti hekk imsejħa tad-dieta,
- N. billi hu interessanti li wieħed iqis l-impenji volontarji — li jistgħu jitqiesu bħala fi stadju inizjali — mogħtija reċentelement mill-produtturi Ewropej ta' xorb mhux alkoħoliku bil-ħsieb li jnaqssu l-produzzjoni kummerċjali destinata għat-tfal ta' anqas minn tħalli sena billi jiffavorixx aktar l-aċċess għal xorb aktar varjat fl-iskejjal, kif ukoll minn żewġ “ġganti” fis-settur tas-servizzi tal-fast-food biex jadottaw indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni fuq l-ippakkjar ta' ħambergers u ċips,
- O. jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi varji li ħafna bejjiegħha Ewropej qed iniedu maħsuba sabiex jippromwovu ikel li hu tajjeb għas-sahħha, inkluż l-iż-żvilupp ta' firxa ta' għażiex għas-sahħha, l-itikkettjar b'informazzjoni nutrittiva, komprensiv u faċċi biex jinfiehem, u sħubijiet ma' gvernijiet, skejjal u NGOs sabiex jinxter l-gharfiex dwar il-benefiċċji ta' ikel tajjeb għas-sahħha u ta' eżerċizzju regulari,
- P. billi l-Green Paper li qed titqies tagħmel parti minn inizjattiva komprensiva fl-ivell Ewropew bl-iskop li tattakka l-fatturi l-aktar perikolużi għas-sahħha (fosthom id-drawwiet ta' dieta ħażina u n-nuqqas ta' attivitā fiżika) u li, flimkien mat-tippi u l-konsum eċċessiv ta' l-alkoħol, huma s-sors ewlieni tal-kawża ta' mard kardjavaskulari (li huwa l-kawża prinċipali tal-mewt fost l-irġiel u n-nisa fl-Unjoni Ewropea) ta' ġerti tipi ta' kanċer, ta' mard respiratorju, ta' l-ostjoperoži u tad-dijabete tat-tip 2, li jidu d-domanda fuq is-sistemi tas-sahħha nazzjonali,

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

- Q. billi r-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika bħala frott tal-Green Paper ippreżentata fil-11 ta' Settembru 2006 mill-Kummissjoni isejaħ għal azzjoni mill-Unjoni biex tkopri għadd ta' politiki Komunitarji li jagħtu attenzjoni partikulari għat-tfal u ż-żagħżagħ,
- R. billi jikkunsidra l-irwol attiv li l-Komunità qed tiġi mitluba li tassumi (rigward politiki komuni jew bħala aktivitāt kumplimentari għall-attivitajiet tal-25 Stat Membru), taħt forma ta' kampanji ta' informazzjoni u ta' tkattir ta' l-għarfien tal-konsumatur dwar il-problema ta' l-obeżità, l-inkoragiġment mill-ġdid fi ħdan il-Politika ta' Agrikoltura Komuni (CAP) tal-konsum ta' frott u ħaxix, il-finanzjament ta' proġetti ta' riċerka, edukattivi u sportivi, u l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġidha jew riveduta li jkollha impatt tabilħaqq fuq is-sahħha nutrizzjonali taċ-ċittadini Ewropej.

L-obeżità: priorità politika?

1. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal dieta tajba għas-sahħha (f'termini kwantitativi u kwalitattivi) u għal aktivitāt fiżika u l-ġlieda kontra l-obeżità u l-mardiet ewlenin relatati mad-dieta; jitlob li dan jiġi meqjus bħala priorità politika għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha;
2. Jirrikonoxxi li l-obeżità għandha diversi fatturi u għalhekk tirrikjedi approċċ olistiku li jinvolvi ħafna oqsma differenti ta' politika;
3. Jiddispreċċi ħafna li minkejja l-azzjoni li ttieħdet minn għadd ta' Stati Membri, l-obeżità qed taffetwa b'mod kostanti taqsima dejjem tikber tal-popolazzjoni u jekk din it-tendenza tkompli, il-konseguenzi għas-sahħha pubblika, li jistgħu jiġi evitati permezz tal-miżuri xierqa, sejkun kbar ħafna;
4. Jagħti parir lill-Istati Membri kollha sabiex uffiċjalment jirrikonoxxu l-obeżità bħala marda kronika sabiex jiġi evitat li persuni li jsorfu minn obeżità jkollhom stigma u jkunu diskriminati bi kwalunkwe mod; u jagħti parir ukoll lill-Istati Membri biex jiżguraw dawn il-persuni jkollhom aċċess għal trattament xieraq mis-sistemi tas-sahħha nazzjonali tagħhom;
5. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni waqt il-Konferenza Ministerjali Ewropea tad-WHO, li saret fl-İstanbul fil-15 u s-17 Novembru 2006, taċ-Charter' dwar il-ġlieda kontra l-obeżità, jenfasizza t-twaqqif ta' qafas ambizzjuż għal azzjoni sabiex jikkontrolla l-epidemija u jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex ifasslu skeda għall-implementazzjoni u priorità mogħtija lill-azzjonijiet fi ħdan dan il-qafas;
6. Jappoġġja mingħajr riservi t-tnedja f'Marzu 2005 tal-Pjattaforma għal Azzjoni ta' l-UE dwar id-Dieta, l-Attività Fiżika u s-Sahħha ("il-Pjattaforma") u jilqa' b'sodisfazzjon il-metodu adottat mid-DG SANCO għal-djalgu permanenti mas-setturi industrijni, l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u ta' l-NGOs;
7. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenji volontarji digħi proposti mill-partijiet involuti tal-Pjattaforma; jenfasizza l-bżonn li jkun żgur li impenji bħal dawn magħmula fil-Pjattaforma jkunu mmoniterjati effettivament u jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa kriterji ċari għal evalwazzjoni; jenfasizza li evalwazzjoni affidabbli hija esenzjali sabiex tiżgura li l-progress jiġi mkejjel b'mod adegwat u sabiex tippermetti li fejn ikun meħtieġ jiġi kkunsidrati aktar azzjonijiet jew proposti leġiżlattivi mill-UE; jistieden lill-Kummissjoni sabiex kull sena tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar il-progress tal-Pjattaforma;
8. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex twettaq evalwazzjoni ta' l-impatt fuq il-proposti tal-politiki relevanti sabiex tiddetermina l-impatt tagħhom fuq l-objettivi għas-sahħha pubblika, l-obeżità u n-nutrizzjoni; jirrakkomanda li dan "l-eżami tas-sahħha jew ta' l-obeżità" għandu jsir b'mod partikulari fil-Politika Komuni għall-Agrikoltura, fil-programmi ta' riċerka, fil-politika għall-enerġija, fil-politika għall-ikel u r-riklamar;
9. Josserva li filwaqt li attwalment hemm firxa wiesħha ta' partijiet interessati involuti fil-Pjattaforma, dawn għandhom it-tendenza li jkunu konċentrati fuq il-parti ta' 'akkwist ta' l-enerġija' tal-kwistjoni ta' l-obeżità; jitlob għalhekk lill-partijiet interessati involuti fil-parti tal-ħruq ta' l-enerġija — bħal pereżempju l-produtturi ta' logħob tal-kompjuter, l-għaqdiet ta' l-isport u x-xandara — sabiex jinvolvu ruħhom aktar fid-dibattu u jikkunsidraw li jagħmlu impenji simili;
10. Iqis bħala pass fid-direzzjoni t-tajba t-tendenza li tipprevali llum fsetturi differenti ta' l-industrija alimentari Ewropea li jaġixxu konkretament biex jiffukaw mill-ġdid l-offerta kummerċjali għat-tfal u biex jiġi stabbilit l-ittekkettjar nutrizzjonali ta' l-ikel u x-xorb għalihom;

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jidentifikaw opportunitajiet li huma effettivi meta mejusa l-ispejjeż sabiex isieħbu s-servizzi tagħhom tas-saħħa ma' l-industriji, b'mod li t-tnejn itejbu l-fehim tal-pazjent u l-kontroll min-naħħa tal-pazjenti tad-dieta tagħhom u jtaffu l-piż ekonomiku ta' l-obežit; iqis li għandha tingħata attenzjoni partikulari għal skemi li jindirizzaw il-bżonnijiet tal-popolazzjoni f'komunitajiet li għand-hom nuqqasijiet soċjali u ekonomiċi;

12. Jistenna li fil-futur qarib jiġu mressqa mill-Kummissjoni miżuri prattiċi f'White Paper, bil-ħsieb li jitnaqqas in-numru ta' nies li għandhom piżżejjed jew li jsorū mill-obežitā sa mhux aktar tard mill-2015;

Informazzjoni għall-konsumatur sa mit-tfulija

13. Iqis li kull politika ta' prevenzjoni u ta' monitoraġġ ta' l-obežitā għandha tkun għal tul il-ħajja, mill-perjodu ta' qabel it-twield sa età avvanzata. Iqis minbarra fhekk li trid tingħata attenzjoni partikulari għat-tfulija, perjodu tal-ħajja meta jinkisbu parti kbira mid-drawwiet ta' dieta;

14. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jirrikonox Xu li l-edukazzjoni dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa, li tibda' minn età żgħira, hija kruċjali għal prevenzjoni tal-piżżejjed u ta' l-obežitā;

15. Jisħaq il-periklu ta' ħerqa żejda fir-rigward tal-kampanja kontra l-obežitā u jqis li għandhom jingħataw eżempji tajba lit-tfal u lill-adoloxxenti li huma vulnerabbi għall-pressjoni mill-ħbieb sabiex jiġu evitati kundizzjonijiet oħrajn relatav mad-dieta bħal m'huma l-anoreksja nervosa u l-bulimja;

16. Iqis li l-professionisti fil-qasam tas-saħħa għandhom irwol importanti fil-promozzjoni tal-benefiċċċi għas-saħħa ta' dieta bilanċjata u ta' attivitā fiżika regolari u fl-identifikazzjoni ta' kwalunkwe riskju, speċjalment għal persuni b'ammont eċċessiv ta' xaħam addominali li għandhom riskju ogħla li jiżviluppaw id-didjebbe tat-tip 2, speċjalment mard kardjavaskulari u kundizzjonijiet mediċi oħra; jistieden lill-Istati Membri sabiex jippromwovu d-dietologu professionist b'rkonoxximent reċiproku tal-kwalifikati professionali u jiddefinixxu l-kundizzjonijiet ta' aċċess għal din il-professjoni kif ukoll jiżguraw taħriġ professjonal i-xjentifiku;

17. Jīġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-iskejjel huma l-post fejn it-tfal iqattgħu il-biċċa l-kbira tal-ħin tagħ-hom fl-ambjent ta' l-iskola, u speċjalment tal-canteens ta' l-iskejjel, għalhekk dawn għandhom jinkoragiġixxu lit-tfal żgħar sabiex jiżviluppaw il-gosti ta' l-ikel tagħhom, jipprovdūhom b'kapaċitajiet bażiċi ta' tisjir u ta' tagħrif dwar l-ikel, u jippromwovu l-attività fiżika regolari u mod ta' ħajja tajjeb għas-saħħa, speċjalment sabiex dan jagħmel tajjeb għat-taqqa tal-ħin li qed jiġi allokat għall-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel fl-UE; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa makkaniżmi li jippromwovu l-aħjar prattika fl-iskejjel u li jikkunsidraw l-iktar inizjattivi effettivi biex jedukaw lit-tfal dwar drawwiet ta' ikel tajbin għas-saħħa u jipprovdū ikel ta' kwalità bbażat fuq standards għoljin ta' nutrizzjoni;

18. Jiddeplora l-prattika tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li jbiegħu il-btieħi ta' l-iskejjel għall-iżvilupp;

19. Jistieden lill-Istati Membri biex jipprovdū fondi biżżejjed għas-servizz tat-tħejjija ta' l-ikel fl-iskejjel li jippermettu li l-iskejjel iservu ikel frisk, preferibbilment prodotti agrikoli organiċi jew reġjonali u biex jinkoragiġixxu drawwiet ta' dieta tajba minn stadju bikri;

20. Iqis li l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa jiżguraw li t-tfal ikollhom faċilitajiet biżżejjed sabiex jinvolvu ruħħom f'attività sportivi u fizċi fl-iskola; iħeġġeġ lill-Istati Membri u l-awtoritatijiet lokali tagħ-hom sabiex jikkunsidraw il-promozzjoni ta' mod ta' ħajja tajjeb għas-saħħa u attiv meta jippjanaw il-lokalità ta' l-iskejjel, hekk li dawn ikunu eqreb tal-komunitajiet li jgħixu fihom, u għalhekk jippermettu li t-tfal jimxu jew imorru l-iskola bir-rota minflok ma jpoġġu bil-qiegħda fkarozza jew f'kowċ;

21. Jitlob li l-produtturi tal-luminati ta' l-UE jimplimentaw mingħajr dewmien l-impenji li huma stipulaw fl-20 ta' Diċembru 2005 dwar il-kodiċi ta' mgħieba tagħhom, speċjalment l-impenji tagħhom maħsuba biex jillimitaw l-attività kummerċjali fl-iskejjel primarji;

22. Iqis li l-preżenza (fejn awtorizzata) ta' "vending machines" fi skejjel sekondarji għandha tkun skond ir-regoli ta' dieta tajba għas-saħħa;

23. Jikkundanna l-frekwenza u l-intensità ta' kampanji fuq it-televixin maħsuba sabiex jirriklamaw u jippromwovu prodotti ta' l-ikel immirati esklusivament għat-tfal u jenfasizza li prattiki kummercjal bħal dawn ma jħeġġux drawwiet ta' l-ikel tajeb għas-saħħa u għalhekk għandhom ikunu mmaniġġjati flivell Ewropew permezz ta' reviżjoni tad-Direttiva tat-Televixin mingħajr Fruntieri⁽¹⁾; jenfassizza wkoll li hemm provi *ċari* li juru li r-rikłamar fuq it-TV jinfluwenza fmedda qasira ta' żmien drawwiet ta' konsum ta' tfal bejn is-2 u l-11-il sena; madankollu jqis li hawn tidħol ir-risponsabbiltà individwali u li din trid tibqa' tal-ġenituri għaliex id-deċiżjoni finali tax-xiri hija tagħhom; madanakollu, jinnota li stħarriġ juri li magħgoranza ta' ġenituri jridu restrizzjoniċċi *ċari* dwar il-promozzjoni ta' l-ikel għat-tfal li mhux tajeb għas-saħħa;

24. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi fi ħdan il-Pjattaforma impenji volontarji jew li jirregolaw lilhom infushom, sabiex itemmu l-promozzjoni ta' l-ikel b'livell għoli ta' xaħam, zokkor u melħ fost it-tfal u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposti leġiżlattivi fil-każ li l-impenji ta' awto-regolamentazzjoni ma jwasslux għal bidla;

25. Jinnota li forom ġodda ta' rikłamar fost it-tfal, bħal messaġġi bil-mobajl, logħbiet "on-line" u "sponsorships" ta' playgrounds m'għandhomx ikunu eżenti minn kunsiderazzjoniċċi bħal dawn.

26. Iqis li huwa indispensabbi li jiġi konkretizzat "gentleman's agreement" bejn il-Kummissjoni u l-industriji tal-midja Ewropej li jeżiġi indikazzjoniċċi obbligatorji għal produzzjoniċċi destinati għat-tfal fuq għamliet ta' midja differenti — televixin, ċinema, Internet, logħob bil-vidjaw — ta' tagħrif dwar is-saħħa u l-logħob li jqajjem għarfien aħjar fost iż-żagħżagħ Ewropej ta' l-importanza tal-prattika ta' l-isports u tal-konsum tal-frott u l-ħaxix biex wieħed jibqa' b'saħħtu;

27. Jirrikonoxxi l-irwol ta' l-Awtorită Ewropea għas-Sikurezza ta' l-ikel fl-għoti ta' pariri u rakkmandazzjoniċċi dwar dieta;

28. Huwa tal-parir li l-midja (TV, radju, Internet) għadha aktar minn qabel għodda pedagoġika essenzjali għat-trawwim tas-saħħa nutrittiva li għandha tagħti pariri prattiċi lill-konsumaturi biex tgħinhom isibu bil-anc tajeb bejn il-konsum ta' kuljum ta' kaloriji u l-użu ta' l-enerġija u li fl-aħħarnett tiżguralhom għażla ħielsa;

29. Iqis li r-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar stqarrijiet dwar nutrizzjoni u saħħa magħmula fuq prodotti ta' l-ikel⁽²⁾ jaġħu twissija qawwija u sa fl-aħħar se tipprovi lill-konsumatur b'informazzjoni onesta, affidabbli u konsistenti rigward karakteristiċi ta' nutrizzjoni tal-prodotti ta' l-ikel, b'mod partikolari dawk li fihom ammonti kbar ta' zokkor, melħ u ċerti xaħmijiet; jinnota li l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament għandu jsir b'mod li jibqa' jinkoragiġixxi u jippermetti li kumpaniji ta' l-ikel u x-xorb iġeddu u jtejbu l-prodotti tagħhom; għalhekk iqis li fil-kuntest ta' dak ir-Regolament, meta wieħed iqis l-iktar dejta riċenti disponibbli, it-twaqqif ta' profili ta' nutrijenti mill-Awtorită Ewropea għas-Sikurezza ta' l-ikel għandu jingħata prioritā kbira u jiġi implementat b'kollaborazzjoni mill-qrib ma' NGOs tal-konsumaturi u operaturi ta' l-ikel, inklużi l-bejjiegħa bl-imnut;

30. Jinnota t-tħassib dejjem jikber tal-pubbliku u tax-xjenza dwar l-impatt ta' tip ta' xaħam artifiċjali trans (trans-fats) fuq is-saħħa tal-bniedem u jinnota l-attività minn ċerti awtoritajiet nazzjonali (il-Kanada u d-Danimarka) u regionali (New York City) sabiex inċeħħu dan it-tip ta' xaħam mhux saturat mid-dieta tal-bniemen; jitlob li l-UE tieħu azzjoni biex jitnaqqas il-konsum ta' xaħam mhux saturat;

31. Iqis li d-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE ta' l-24 ta' Settembru 1990 dwar it-tikketti ta' nutrizzjoni fuq il-prodotti ta' l-ikel⁽³⁾ jeħtiġ li tkun riveduta mingħajr dewmien sabiex tinkludi, bħala minimu, rekwiżit li jkun jindika l-preżenza u l-kwantita ta' nutrijenti u n-natura tax-xaħmijiet sabiex jintlaħqu l-objettivi li jinvolvu s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea, b'konformità mar-rakkmandazzjoniċċi imressqa mir-rappreżentanti ta' l-industrija u l-assocjazzjoniċċi tal-konsumatur;

32. Jieħu interess qawwi fsistemi ta' ttikkettjar (signposting) ta' l-ikel imdaħħla f'diversi Stati Membri minn kumpaniji ta' l-ikel, bejjiegħa bl-imnut jew organi pubbliċi sabiex jissimplifikaw il-messaġġi dwar nutrizzjoni; jirrikonoxxi l-valur ta' sistemi ta' ttikkettjar bħal dawn, kif ukoll logos dwar għażliet tajba għas-saħħa meta dawn ikunu milqugħha mill-konsumaturi u jkunu faċċi biex jintużaw; ifakkli li r-riċerka tikkonferma li skemi li jindikaw livelli ta' nutrijenti permezz ta' element interpretativ huma ta' l-aktar għajnejha għall-konsumaturi fid-deċiżjoni tiegħu għal għażiex tħalli għażżeen; jistieden lill-Kummissjoni biex tuża din l-esperjenza u din ir-riċerka sabiex tiżvilluppa u tintrodu skema ta' ttikkettjar fl-Ewropa kollha u jinnota li messaġġ konsistenti għall-konsumaturi jitlob ġertu grad ta' armonizzazzjoni f'dan il-qasam u li messaġġi bħal dawn għandhom ikollhom bażi xjentifika;

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE (ĠU L 298, 17.10.1989, p.23). Direttiva emendata mid-Direttiva 97/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 202, 30.7.1997, p.60).

⁽²⁾ ĠU L 404, 30.12.2006, p.9. Korreġut fil-ĠU L 12, 18.1.2007, p.3.

⁽³⁾ ĠU L 276, 6.10.1990, p. 40. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/120/KE (ĠU L 333, 20.12.2003, p. 51).

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

L-integrazzjoni tan-nutrizzjoni u ta' l-attività fiżika fil-politiki l-oħrajn Komunitarji

33. Jemmen li formulazzjoni mill-ġdid ta' prodott hija għodda qawwija għat-tnaqqis ta' xaħam, zokkor u melħ fid-dieti tagħna u jilqa' b'sodisfazzjon il-passi meħuda minn xi ffit produkturi u bejjiegħa sabiex jidher id-din id-direzzjoni; jinnota li sa llum 5 % biss mit-total ta' impenji volontarji magħmula fi ħdan il-Pjattaforma huma relatiu ma' l-iż-żvilupp ta' prodott; jistieden lill-Kummissjoni, Stati Membri, manifatturi, bejjiegħha bl-imnut u kejterers biex iż-żidu l-isforzi tagħhom sabiex jiżguraw li manifatturi, bejjiegħha bl-imnut u l-kejterers inaqqsu l-livelli ta' xaħam, zokkor u melħ fl-ikel; jitlob lill-produkturi sabiex jużaw formulazzjoni mill-ġdid ta' prodotti mhux biss biex iniedu linji ġoddha, xi drabi bi prezz oħla, iżda sabiex jagħtu priorità lit-tnaqqis tax-xaħam, taz-zokkor u tal-melħ li hemm fi prodotti ta' kuljum;

34. Jenfasizza l-importanza li l-individwu jingħata s-setgħa li jagħmel għażiżli infurmati dwar x'għandu jekkol u kemm għandu jagħmel eż-żeċċizzju fiżiku;

35. Iqis li huwa kruċjali li l-promozzjoni ta' dieta tajba u ta' l-attività fiżika jkollha priorità politika, mhux biss għad-DG SANCO, imma wkoll għad-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni ta' l-Agrikoltura, l-Impiegi, it-Trasport, ir-Riċerka, l-Edukazzjoni u l-Isports li jwettqu politiki jew programmi Komunitarji li jkollhom impatt fuq is-saħħa nutrizzjoni; jitlob lill-Kummissjoni sabiex twettaq evalwazzjoni ta' l-impatt fuq il-proposti tal-politiki relevanti sabiex tiddetermina l-impatt tagħhom fuq il-miri ta' saħħa pubblika u ta' nutrizzjoni, b'mod partikolari għall-CAP;

36. Jilqa' b'sodisfazzjon li l-programm t'azzjoni attwali Komunitarju fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) jipprovdi l-finanzjament ta' diversi proġetti dwar l-obeżiġta u jiqis li finanzjament għal-perjodu ta' żmien fit-tul irid ikun disponibbli u jrid ikun hemm enfasi fuq it-tieni programm (2007-2013) għall-promozzjoni ta' stil ta' ħajja sana fost it-tfal u fost iż-żgħażagħ u persuni b'diżabbiltà.

37. Jenfasizza li kampanji ta' informazzjoni mhumiex l-aħjar mezz biex jintlaħqu grupperi soċċoekonomiċi żvantagġġati; iqis li l-azzjonijiet għandhom ikunu adattati għal bżonnijiet lokali u jkunu bbażati fuq il-komunità, għandhom jiġi stabbiliti kuntatti diretti u għandu jkun hemm koperazzjoni mill-qrrib bejn l-iskejjal lokali, l-iskejjal għat-tfal żgħar (kindergartens), it-tobba, it-tobba tat-tfal u s-servizzi tas-saħħa lokali; jinnota li l-evalwazzjoni ta' attivitajiet bħal dawn hija vitali sabiex wieħed jifhem jekk dawn humiex qed ikollhom l-effett mixtieq;

38. Jitlob li l-Fondi Strutturali jintużaw finvestimenti infrastrutturali f'żoni żvantagġġati soċċo-ekonomika sabiex jiffaċilitaw l-attività fiżika u t-trasport sikur (bħal korsiji għar-roti) u jinkoragiġixxi logħob fil-beraħ fambjent sikur; jinkoragiġixxi fl-istess waqt lill-Istati Membri biex jinvestu f'objettivi bħal dawn;

39. Jitlob lill-Kummissjoni (flimkien mal-Ministeri kkonċernati fl-Istati Membri u fir-reġjuni) biex jikkontribwi x-xgħixxu għal programmi "sport fl-iskola" fi stabbilimenti li jservu u jintużaw bi prova;

40. Ilheġġeg lill-Kummissjoni sabiex tevalwa kemm in-nuqqas ta' ikel sustanzjuż u n-nuqqas ta' mobilità huma problema fost l-anzjani u sabiex tikkunsidra x'miżuri aktar hemm bżonn li jittieħdu sabiex dan il-grupp importanti fil-komunità, li xi drabi jintesa, jingħata l-għajnejna;

41. Jistieden lill-Istati Membri u lil min iħaddem biex iħeġġu lill-impiegati tagħhom, speċjalment lin-nisa li għandhom xogħol monotonu li jista' jwassal għal mard kroniku, sabiex jipparteċipaw f'attivitajiet fizżei u eż-żeċċizzju "keep-fit";

42. Jirrikonoxxi l-ir-wol li għandu min iħaddem fil-promozzjoni ta' stil ta' ħajja tajbin għas-saħħa fost l-impiegati tiegħu; jinnota li s-saħħa tal-ħaddiem (u b'konsegwenza l-produttività), għandha tkun parti mill-istratgeġja ta' responsabilità soċċali korporattiva ta' l-impriżi; jirrikonoxxi l-Alleanza Ewropea mwaqqfa riċentiment għar-Respubblika Soċċali Korporattiva sabiex tippromwovi l-iskambju ta' prattiki tajbin f'dan il-qasam;

43. Huwa konxju ta' l-appell, magħmul mill-komunità xjentifika fl-10 Kungress Internazzjonali dwar l-Obeżiġta, favur l-intensifikazzjoni ta' riċerka biex tinfiehem aħjar l-interazzjoni bejn fatturi ġenetiċi u fatturi ta' modi ta' ħajja li jnissu l-marda;

44. Jilqa' f'dan ir-rigward il-finanzjament mill-Komunità tad-9 proġetti integrati taħt il-priorità tematika "il-kwalità u s-sigurta alimentari" tas-sitt Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-żvilupp li jaħseb għal metodi ġodda għall-ġlied kontra l-obeżiġta billi jikkonċentra pereżempju fuq ċerta età partikolari, jew billi jistudja l-interazzjoni bejn il-fatturi ġenetiċi u l-fatturi ta' l-imġieba u ta' l-istat ta' saħħa;

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

45. B'konnessjoni mas-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp, jitlob sabiex titkompla l-aktivitā kontra l-obeżitā, mhux biss biex jinkiseb beneficiju mill-koperazzjoni transnazzjonal bejn riċerkaturi fl-oqsma tematiki tad-dieta, ta' l-agrikoltura u tal-bijoteknoloġija, iżda wkoll għaliex din għandha tkun meqjusa bħal suġġett ta' riċerka ta' interess komuni għal għadd ta' dixxiplini;

46. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm sett ta' indikaturi li jistgħu jitqabblu dwar l-istejtus tas-saħħa (inklużi dejta dwar konsum ta' l-ikel, attivitā fiżika u obeżitā), speċjalment indikaturi li jkunu skond l-età u l-klassi soċċio-ekonomika;

47. Huwa mħasseb ħafna bit-tnejjix fil-konsum ta' frott u ġaxx fl-Ewropa, li jolqot l-aktar lill-familji Ewropej li għandhom dħul finanzjarju baxx, minħabba l-prezzijiet għoljin ta' dawn il-prodotti u minħabba li qed tingħata informazzjoni fqira ħafna dwar il-veru siwi nutrittiv tagħhom;

48. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi politika u qafas regolatorju li jagħmel disponibbli l-aqwa sorsi ta' nutrijenti u ta' komponenti oħra ta' l-ikel li huma ta' beneficiju u li jagħti lill-konsumaturi Ewropej għażla ta' kif jiksbu u jżommu l-aqwa nutrizzjoni adattata għal mod ta' ħajja u saħħa individwali tagħhom;

49. Huwa mħasseb dwar rapporti li l-kontenut nutrittiv ta' frott u ħxejjex imkabbra fl-Ewropa naqas f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex tieħdu l-passi neċċesarji għal reviżjoni tal-CAP ta' l-2008 sabiex il-valur nutrittiv ta' l-ikel jitqies bħala kriterju importanti u sabiex isaħħu l-produzzjoni ta' ikel ta' kwalitā u incenċivi ta' nutrizzjoni tajbin għas-saħħa fil-qafas tal-politiki għall-iż-żu l-ġadlu rurali;

50. Jappella biex ikun hemm koerenza akbar mill-Unjoni Ewropea bejn il-CAP u l-politiki dwar is-saħħa mniedja mill-Unjoni Ewropea u jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li sussidji Ewropej mogħiġja lil ċerti setturi industrijni ma jservu qatt biex jiffinanzjaw kampanji li jirriklamaw b'mod favorevoli prodotti mimliji kaloriji;

51. Iqis bħala essenzjali riforma ta' l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq tal-frott u l-ħaxix li fost għanijiet oħra tinkludi l-istimulazzjoni mill-ġdid tal-konsum ta' dawn it-tipi ta' ikel ta' valur għoli għad-dieta; barra minn hekk, jemmen li politika ta' incenċivi (li tinkludi prezziżżejjet irħas, tnaqqis fiskali u tipi oħra ta' sussidji, tkun preferibbli minn sistema li tistrieħ fuq aktar tassazzjoni fuq prodotti kaloriċi ("fat tax") li fl-aħħar mill-aħħar tippenalizza l-aktar lill-familji Ewropej l-anqas sinjuri;

*
* * *

52. Jistieden lid-WHO sabiex tippreżenta l-opinjonijiet attwali tagħha dwar l-obeżitā lill-Parlament Ewropew;

53. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-parlamenti nazzjonali u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri u pajjiżi kandidati u lid-WHO.

P6_TA(2007)0020

Il-perijodi ta' preskrizzjoni f'tilwim transkonfinali li jinvolvi koriment personali u aċċidenti fatali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew b'rakkmandazzjoniċi lill-Kummissjoni dwar il-perijodi ta' preskrizzjoni f'tilwim transkonfinali li jinvolvi koriment personali u aċċidenti fatali (2006/2014(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 192 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 39 u 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0405/2006),

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

- A. billi fl-Ewropa hemm diverġenza dwar il-perijodi ta' preskriżżjoni, dwar meta tibda d-dekorrenza taż-żmien, id-data ta' l-għarfien, il-possibilità li tiġi interrotta jew imwaqfa d-dekorrenza taż-żmien, it-tressiq ta' l-evidenza u d-dikjarazzjoni tad-difiża dwar l-iskadenza tal-perijodu ta' preskriżżjoni,
- B. billi l-punt ta' din id-diverġenza jista' jwassal għal konsegwenzi mhux mixtieqa għall-vittmi ta' aċċidenti f'tilwim transkonfinali, għax ifixkel lil individwi midruba fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom fi Stati Membri oħra, u potenzjalment fxi każi fl-Istat tagħhom stess ukoll, u jinħtiġilhom jirrikorru għal liġi barranija,
- C. billi, b'mod partikulari, il-kwistjonijiet li ġejjin iqumu minħabba aċċidenti transnazzjonali: fċerti pajjiżi persuni taħt l-eti u persuni b'diżabbilità ma jingħataw l-ebda protezzjoni speċjali fir-rigward tad-dekorrenza taż-żmien għall-finijiet ta' preskriżżjoni, u għalhekk jistgħu jitilfu d-dritt li jitolbu kumpens li f'każ ieħor kien ikollhom kieku jkunu weġġgħu fi Stat Membru li mhux dak tagħhom; fċerti pajjiżi l-uniku mod biex titwaqqaf id-dekorrenza taż-żmien għall-finijiet ta' preskriżżjoni huwa permezz tal-ħruġ u l-għoti ta' notifika: f'tilwim transkonfinali, approċċ bħal dan jista' jwassal għal problemi għax in-negożjati żgur li jieħdu iż-żejed fit-tul, u l-inabbilità li jitwaqqaf iż-żmien ta' preskriżżjoni tista' tpoġġi lill-vittma fil-qaghha żvantagħju ja li jkollha ggħorr spejjeż kunsiderevoli fi stadju bikri billi toħroġ u tagħti notifika qabel ma jkun possibbli li jiġu konklużi n-negożjati,
- D. billi, minħabba d-diverġenzi rigward il-perijodi ta' preskriżżjoni f'każi transnazzjonali ta' koriment personali, jista' jkun xieraq li jiġu stipulati xi prinċipji limitati għall-punti essenzjali,
- E. billi l-kundizzjoni fl-Artikolu 39(2), li l-ebda proposta m'għandha tkun fi tħejjija, hija rispettata kif jixraq,

1. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħmel inkjesta dwar l-effetti ta' l-eżistenza ta' perijodi ta' preskriżżjoni differenti fuq is-suq intern, u b'mod partikulari fuq iċ-ċittadini li jeżerċitaw il-libertajiet tagħhom skond it-Trattat. B'mod partikulari, dan l-istudju għandu jipprova jikkwantifika n-numru ta' każi ta' koriment personali li jinvolvu element transkonfinali u jevalwa kwalunkwe diffikultà u/jew tbatja kkawżata lill-partijiet midruba bħala riżultat tad-diverġenza tal-perijodi ta' preskriżżjoni, billi jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet imsemmija fil-premessa B;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal rapport dwar il-perijodi ta' preskriżżjoni wara l-evalwazzjoni ta' l-istudju, li għandu jittratta b'mod partikulari għażliet li jvarjaw minn armonizzazzjoni limitata tal-perijodi ta' preskriżżjoni sa l-użu tar-regola dwar il-kunflitti ta' ligħejjet;

3. Jitlob lill-Kummissjoni, fejn ikun xieraq, fid-dawl ta' l-linkiesta magħmul kif imsemmi fil-paragrafu 1 u wara li tkun ikkonsultat il-Parlament, li tressaq lill-Parlament, skond l-Artikolu 65(c) u tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 67(5) tat-Trattat KE, proposta leġiż-lattiva dwar il-perijodi ta' preskriżżjoni rigward talbiet ta' koriment personali u aċċidenti fatali f'tilwim transkonfinali, fil-waqt li ssegwi r-rakkmandazzjoni dettaljati stabbiliti fl-Anness hawn taħt;

4. Jikkonferma li r-rakkmandazzjoni stabbiliti fl-Anness hawn taħt jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetta u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni biex tivverifikasi bir-reqqa li l-prinċipju tas-sussidjarjetta u kunsiderazzjoni jkunu infurzata b'mod rigorūż; jagħti l-pari li tingħha attenzjoni partikulari biex jiġi aċċertat li tintgħażel l-inqas forma ta' leġiż-lazzjoni invadenti u sabiex jiġi kkunsidrat, pereżempju, jekk il-problema tistax tissolva bl-aħjar mod bl-introduzzjoni tal-prinċipju tal-pajjiż ta' l-oriġini;

5. Iqis li l-proposta mitluba m'għandux ikollha xi implikazzjoni finanzjarji;

6. Jagħti istruzzjoni jkun lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament u r-rakkmandazzjoni jkun dettaljati meħmużin magħha lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

ANNESS

RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

Rakkomandazzjoni 1 (dwar il-forma u l-kamp ta' applikazzjoni ta' l-strument li għandu jkun adottat)

Il-Parlament iqis li l-prinċipji li jmexxu l-perijodi ta' preskrizzjoni għandhom jiġu stipulati f'forma xierqa, sakemm il-Komunità jkollha kompetenza leġiżlattiva f'dan il-qasam, għal talbiet għad-danni:

- li joriġinaw jew jirriżultaw minn korriente personali,
- imressqa mill-werrieta tal-vittmi, jew
- imressqa minn persuna oħra fejn il-vittma tkun sofriet korriente personali jew kellha aċċident fatali,

meta l-proċeduri jinvolvu partijiet li jkunu residenti jew domiċiljati fi Stati Membri differenti, jew parti li tkun residenti jew domiċiljata fi Stat mhux tal-Komunità, jew għażla bejn ligħiġiet ta' pajjiżi differenti.

Rakkomandazzjoni 2 (dwar il-kontenut minimu ta' l-strument li għandu jkun adottat)

Tul, kalkolu, data tal-bidu, sospensjoni u interruzzjoni tal-perijodu ta' preskrizzjoni

- Il-perijodu ta' preskrizzjoni ġenerali għandu jkun ta' erba' snin, irrispettivament min-natura ta' l-obbligu, il-kawża ta' l-azzjoni, jew l-identità tal-konvenut, ħlief meta l-liġi propja tat-talba tipprovd għal perijodu itwal, fliema każ-żonner li tintwera l-eżistenza ta' dak il-perijodu itwal għandu jkun ta' l-attur. Il-perijodu ta' preskrizzjoni għall-infurzar ta' talba għad-danni stabbilit minn sentenza finali jew deċiżjonijiet t'arbitrāġġ għandu jkun ta' 10 snin. L-ebda preskrizzjoni m'għandha tapplika għal danni li jirriżultaw minn atti terroristiċi, ta' tortura jew skjavitù.
- Il-perijodu ta' preskrizzjoni għandu jiskadi ma' l-iskadenza ta' l-aħħar mument ta' l-aħħar ġurnata tie-għu; għandu jkun ikkalkulat skond il-kalendaru uffiċjali ta' l-Istat Membru li fih l-attur ikun għamel in-notifika; u l-ġurnata li fiha jkun hemm il-kawża ta' l-azzjoni m'għandhiex tingħadd. Jekk il-perijodu ta' preskrizzjoni jiġi estiż, il-perijodu ta' preskrizzjoni l-ġidid irid jiġi kalkulat mid-data ta' l-iskadenza tal-perijodu ta' preskrizzjoni preċedenti.
- Il-perijodu ta' preskrizzjoni għandu jibda:
 - 1) mid-data ta' meta tkun bdiet il-kawża ta' azzjoni għal korriente personali jew mid-data (attwali jew kostruttiva) ta' l-għarfien (jekk iż-żejjed tard) tal-persuna midruba;
 - 2) fil-każ-żonner li talbiet minn werrieta, mid-data tal-mewt jew mid-data (attwali jew kostruttiva) ta' l-għarfien (jekk iż-żejjed tard) tal-werrieta ta' l-assi (aċċidenti fatali);
 - 3) fil-każ-żonner li talbiet minn vittmi sekondarji, mid-data tal-mewt jew mid-data (attwali jew kostruttiva) ta' l-għarfien (jekk iż-żejjed tard) tal-vittma sekondarja (aċċidenti fatali) jew mid-data li fiha bdiet il-kawża azzjoni jew id-data (attwali jew kostruttiva) ta' l-għarfien (jekk iż-żejjed tard) tal-persuna midruba (aċċidenti mhux fatali).
- Id-dekorrenza tal-perijodu ta' preskrizzjoni għandu jkun sospiż meta l-konvenut ikun, deliberatament, dīżonesta, irraġonevolment, jew minħabba xi żball, ħeba l-eżistenza ta' fatti jew kwistjonijiet li jqajmu r-responsabilità tal-konvenut. Għandu jkun sospiż ukoll matul proċeduri/investigazzjoniċċi kriminali jew meta jkun hemm talba skond id-Direttiva 2000/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2000 dwar l-apprōximazzjoni tal-ħalli ja' l-ġurġi (1).

(1) ĠU L 181, 20.7.2000, p. 65. Direttiva kif emmadata bid-Direttiva 2005/14/KE (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 14).

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

- Il-perijodu ta' preskrizzjoni għandu jiġi interrot permezz: tal-bidu ta' proċeduri ġudizzjarji; kwalunkwe att ta' l-attur li jkun notifikat lill-konvenut li jkollu l-iskop li jibda proċeduri extra-ġudizzjarji, kwalunkwe att ta' l-attur li jkun notifikat lill-konvenut li jkollu l-iskop li jibda n-negożjati; jew kwalunkwe att ieħor li jkun notifikat lill-konvenut li jgħarraf lill-konvenut bil-fatt tat-talba għat-talbiet għal danni mill-attur.

Għandhom jiġu inklużi dispożizzjonijiet xierqa dwar it-talba ta' l-applikazzjoni tal-preskrizzjoni, dwar id-diskrezzjoni tal-qorti meta tappilika l-perijodu ta' preskrizzjoni, dwar l-effetti li l-ecċċejjeni tal-preskrizzjoni titqajjem b'succcess u dwar atturi/konvenuti multipli.

Barra minn dan, l-Istati Membri għandhom jintalbu jwaqqfu ċentri għaż-żamma ta' reġistru ta' l-investigazzjoni kriminali kollha jew tal-proċeduri pendentli li jinvolvu vittmi barranin u għall-għoti ta' tweġibet bil-miktub għal talbiet motivati għal informazzjoni li jsiru mill-vittmi barranin jew f'isimhom.

P6_TA(2007)0021

Id-diskriminazzjoni kontra n-nisa u t-tfajliet fl-edukazzjoni

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar id-diskriminazzjoni kontra n-nisa u t-tfajliet fl-edukazzjoni (2006/2135(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- waqt li jafferma mill-ġdid il-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 2, 3(2), 13, 137(1)(i) u 141 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Kommunitajiet Ewropej,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea proklamata fl-2000, u b'mod partikulari l-Artikolu 23 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ta' l-1950,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-10 ta' Diċembru 1948,
- wara li kkunsidra l-Għanijiet tal-Millennju tal-NU għall-Iżvilupp (MDGs), b'mod partikulari MDG3 dwar il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-trawwim tas-setgħat (*empowerment*) tan-nisa bħala pre-rekwiżit għal, fost affarijet oħra, il-kisba ta' l-ugwaljanza fil-livelli kollha ta' edukazzjoni u fl-oqsma kollha tax-xogħol,
- wara li kkunsidra r-Raba' Konferenza Dinjija tal-NU dwar in-Nisa li saret f'Beijing f'Settembru 1995, id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma għal Azzjoni adottati f'Beijing, kif ukoll id-dokumenti sussegwenti li rri-żultaw minnhom li ġew adottati fis-Sessjonijiet Specjalji suċċessivi tan-NU Beijing + 5 u tal-Beijing + 10 dwar azzjonijiet u inizjattivi addizzjonali biex jiġi implimentati d-Dikjarazzjoni ta' Beijing adottata fid-9 ta' Ġunju 2000 u u l-Pjattaforma ta' Azzjoni adottata fil-11 ta' Marzu 2005,
- wara li kkunsidra l-Protokoll Mħux Obbligatorju tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' kull forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), adottata fl-1999, li jipprovd li individwi jew gruppi ta' individwi, taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Aderenti, li jiddikjaraw li huma vittmi ta' ksur ta' kwalunkwe d-dritt mniżżeż fil-Konvenzjoni minn dak l-Istat Aderenti jista' jippreżenta kommu-nikazzonijiet lill-Kumitat għall-Elminazzjoni tad-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa,
- wara li kkunsidra r-Rapporti ta' Monitoraġġ Globali dwar l-Edukazzjoni għall-Kulħadd ta' l-Organizzazzjoni dwar Edukazzjoni, Xjenza u Kultura tal-NU (UNESCO) għas-snin 2003/2004, 2005 u 2006,

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa, u b'mod partikulari ir-riżoluzzjoni u l-pjan ta' azzjoni tiegħu adottat fis-Sitt Konferenza Ministerjali Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel li saret fi Stokkolma fit-8 u d-9 ta' Ġunju 2006,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Nru 2006/143/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar Koperazzjoni Ewropea ulterjuri fl-assikurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja (¹),
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Nru 98/561/KE tal-Kunsill ta' l-24 ta' Settembru 1998 dwar koperazzjoni Ewropea fl-assikurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja (²),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2005 dwar is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Unjoni Ewropea (³) u ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa Roma fl-Unjoni Ewropea (⁴),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' Lulju 2006 intitolata “Lejn strateġija ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tat-Tfal” (COM(2006)0367),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-1 ta' Marzu 2006 bit-titolu “Pjan Direzzjonali għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa 2006-2010” (COM(2006)0092),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-1 ta' Ġunju 2005 bit-titlu “In-Non-diskriminazzjoni u opportunitajiet indaqs għal kulħadd — Strateġija qafas” (COM(2005)0224),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' d-19 ta' Frar 2004 (COM(2004)0115) u l-14 ta' Frar 2005 (COM(2005)0044) dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2003 bit-titolu “L-irwol ta' l-universitajiet fl-Ewropa ta' l-għarfien” (COM(2003)0058),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2000 bit-titolu “Lejn strateġija qafas tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi (2001-2005)” (COM(2000)0335),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni magħmula mill-Ministri responsablli għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ta'l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza tal-Ministri għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi li saret fil-Lussemburgo fl-4 ta' Frar 2005,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar id-Deċennju ta' Inklużjoni tar-Roma 2005-2015, iffirmata f'Sofia fit-2 ta' Frar 2005 mill-Prim Ministri ta'l-Istati parteċipanti ta'l-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Ateni li saret fil-Laqqha Għolja Ewropea ta' l-1992 dwar in-Nisa fis-Setgħha, li tistqarr li “n-nisa jirrappreżentaw nofs it-talent u l-ħiliet potenzjali ta' l-umanità”,
- wara li kkunsidra r-rapporti u d-diskors tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0416/2006),
 - A. billi l-istatistiċi mill-Istati Membri jindikaw li proporzjon aktar baxx ta' nisa minn irġiel jiksbu kwalifikati post-terzjarji, u billi huwa rappurtat ukoll li numru iżgħar ta' nisa qed jiddedikaw ħin għat-tagħlim matul il-ħajja kollha fis-sistemi varji minħabba diversi restrizzjoni jiet relatati mal-ġeneru,
 - B. billi x-xogħol tad-dar u tal-familja għadu jsir l-aktar min-nisa, u b'rīzultat ta' dan, il-ħin disponibbli lilhom aktar taħriġ u għat-tagħlim matul il-ħajja kollha huwa limitat,

(¹) ĠU L 64, 4.3.2006, p. 60.

(²) ĠU L 270, 7.10.1998, p. 56.

(³) ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 283.

(⁴) ĠU C 45 E, 23.2.2006, p. 129.

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

- C. billi l-aċċess għall-edukazzjoni, u b'mod partikulari l-edukazzjoni għolja, huwa speċjalment diffiċi ġħal żgħażaq minn familji bi dħul baxx, li jwassal għal tishħiħ tal-preferenza tradizzjonal lejn l-edukazzjoni tas-subien,
- D. billi l-progress sinifikanti li sar fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni huwa prinċipalment relatat ma' żviluppi kwantitattivi pożittivi, jiġifieri żieda fin-numru ta' nisa li jiksbu aċċess għall-livelli kollha ta' edukazzjoni, mingħajr żviluppi kwalitattivi korrispondenti rigward l-għażla ta' korsijiet u speċjalizzazzjoni, l-aktar minħabba l-perċezzjonijiet soċjali u l-irwoli tradizzjonali tas-sessi,
- E. billi l-edukazzjoni hija valur importanti Ewropew, dritt fundamentali, u strument ewljeni għall-inklużjoni soċjali; billi l-pregħiduzzji kontra n-nisa edukati għadhom jeżistu fis-soċjetà, u billi n-nisa edukati għad għandhom opportunitajiet limitati biex jilħqu l-potenzjal fil-ħajja professjonal u pubblika,
- F. billi fċerti kulturi għadhom jeżistu pregħiduzzji tradizzjonali u reliġjużi li jillimitaw l-aċċess tal-bniet u tat-tfajieti għall-edukazzjoni,
- G. Billi l-media b'mod ripetut tipperpetwa l-isterjotipi tal-ġeneri, u b'hekk issahħħah l-immaġni tradizzjonali tan-nisa, minflok mudelli li jispiraw ammirazzjoni u li huwa ta' min jimitahom, bħal Maria Skłodowska-Curie,
- H. billi l-aċċess għall-edukazzjoni għal bniet u tfajiet minn minoranzi nazzjonali, speċjalment dawk mill-minoranza Roma, jew għal bniet u tfajiet minn gruppi immigranti huwa partikularment limitat, u huwa sikkrit karatterizzat minn diskriminazzjoni u segregazzjoni fl-iskejjel, inkluż ukoll fir-rigward ta' programmi ta' tagħlim rimedjali, fejn ir-riżorsi huma limitati, il-ħaddiem mhux motivati jew imħarrġa, l-infrastruttura fqira u programmi edukattivi kif ukoll metodi ta' t-testjar inadegwati,
- I. billi ħafna Stati Membri għandhom nuqqas ta' baġits edukattivi b'fondi adegwati, u billi fl-istess ħin ħafna mill-għalliema huma nisa,
1. Jīġbed l-attenzjoni li l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-bniet u n-nisa huwa dritt uman u element essenzjali għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet soċjali, ekonomiċi, kulturali u politiċi l-oħra kollha;
 2. Jilqa' l-fatt li medja ta' tmienja minn kull għaxar t'ibniet li jistudjaw fi skejjel ta' edukazzjoni għolja fl-Istati Membri jispiċċaw l-istudji tagħhom u li l-istatistiki jindikaw opportunitajiet indaqs għaż-żewġ sessi fir-rigward tal-kisba ta' edukazzjoni għolja u livell oħġla ta' motivazzjoni fost in-nisa meta ma jkunux ristretti minħabba raġunijiet ta' ġeneru;
 3. Jīġbed l-attenzjoni li fl-edukazzjoni u fir-riċerka, in-nisa jgħaddu l-irġiel bħala numru ta' gradwati (59 %), madankollu il-preżenza tagħhom tonqos b'mod konsistenti mal-avvanz fil-karriera, minn 43 % ta' dottorati għal 15 % biss ta' professuri;
 4. Jilqa' b'sodisfazzjoni il-fatt li ttieħdu diversi passi prattiċi bħala parti mill-Proġetti tal-Millennju tan-NU sabiex titnaqqas l-inugwaljanza bejn il-ġeneri fir-rigward ta' l-aċċess għall-edukazzjoni, u li l-kwistjoni ta' aċċess ugħwali għall-edukazzjoni għaż-żewġ sessi qed tiġi diskussa b'mod miftuħ fl-Istati Membri;
 5. Jilqa' r-riforma tas-sistema edukattiva ta' l-università li tirriżulta mill-istrateġija ta' Liżbona u li hija relatata b'mod partikulari mat-tagħlim matul il-ħajja kollha, li jipprovdli lit-tfajiet bl-opportunità li jkompli l-edukazzjoni tagħhom;
 6. Jilqa' r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-kwalità ta' l-edukazzjoni skolastika, ippubblikat fl-2000, li janalizza 16-il indikatur, inkluż l-aċċess għall-edukazzjoni mill-perspettiva tal-ġeneru;
 7. Jilqa' l-ħolqien ta' Istitut għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, li l-aktivitajiet tiegħu għandhom jinkludu l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni fir-rigward ta' l-aċċess għall-edukazzjoni għaż-żewġ sessi fl-Istati Membri individwali madwar il-dinja kollha;

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

8. Jirrakomanda li l-politika fil-qasam ta' l-aċċess indaqs għall-edukazzjoni tiġi evalwata fuq il-bażi ta' valutazzjoni ta' statistiċi differenzjati skond il-ġeneru, sabiex jidhru u jissolvew l-inugwaljanzi li għadhom jeżistu għall-kisba ta' l-aċċess u għall-kisba ta' ċerti kwalifikasi akademiċi ġħolja, anke fil-livell post-terzjarju u fir-riċerka xjentifika, kif ukoll fil-qasam tat-tagħlim matul il-ħajja kollha;

9. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għall-edukazzjoni għal nisa u rġiel li qed jieħdu ħsieb it-tfal, u għall-ġenituri li interrompew il-proċess tal-kisba ta' kwalifikasi sabiex ikollhom it-tfal;

10. Jirrakkomanda djalogu ma' l-imsieħba soċjali, bil-għan li jimmotivahom sabiex joħolqu kundizzjoni-jiet favorevoli għal titfib fl-aċċess għall-edukazzjoni u t-tagħlim matul il-ħajja kollha għal nisa li interrompew it-taħriġ tagħhom u għal nisa li m'għandhomx ħafna kwalifikasi.

11. Jirreferi għall-fatt li d-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa tibqa' ta' livell inaċċettabliment għoli, u mhux qed turi sinjalji sinjifikanti li ser tonqos; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li bħala medja, in-nisa jaqalgħu 15 % inqas mill-irġiel, u dan huwa r-riżultat sew ta' nuqqas ta' konformità ma' leġiżlazzjoni dwar pagi indaqs kif ukoll ta' numru ta' inugwaljanzi strutturali bħas-segregazzjoni tas-suq tax-xogħol, differenzi fix-xejriet tax-xogħol, l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, sistemi preġudikati ta' evalwazzjoni u ta' ħlas, u sterjotipar;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jużaw il-mezzi kollha disponibbli sabiex jeqirdu l-isterjotipi komuni li jiddiskriminaw kontra n-nisa fil-post tax-xogħol, xi ħaġa li hija evidenti b'mod partikulari fil-qasam tax-xjenza u tat-teknoloġija, fejn in-nisa għandhom rappreżentanza verament fqira, u sabiex tingħata attenzjoni partikulari lill-kwistjonijiet tal-ġeneru u biex id-data tiġi monitorjata u evalwata b'mod regolari;

13. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jinkoraġġixxu l-aċċess tan-nisa fpożizzjonijiet ta' responsabil?itā u ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'intrapriżi pubbliċi kif ukoll privati, u sabiex jagħtu attenzjoni partikulari lill-pożizzjonijiet akademiċi;

14. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi l-prinċipji ta' l-ugwaljanza u ta' aċċess indaqs għall-edukazzjoni għall-bniet fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi, u b'mod partikulari fil-politiki tagħha ta' viċinat u għajjnuna għall-iżvilupp;

15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex isaħħu l-pożizzjoni ta' għalliema nisa flivelli ogħla tas-sistema edukattiva u fċentri tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet edukattivi, fejn il-kolleġi maskili tagħhom għadhom fil-maġġoranza;

16. Jisħaq dwar il-bżonn li ssir riforma tas-sillabu fil-livelli kollha ta' l-edukazzjoni u fil-kontenut tal-kotba ta' l-iskola; jirrakkomanda li t-taħriġ ta' l-għalliema u ta' ħaddiema edukattivi oħra jkun dirett lejn l-ilħuq tar-rekwiżi ta' politika bilanċjata dwar il-ġeneri, u li kwistjonijiet tal-politika tal-ġeneri jsiru parti mit-taħriġ ta' l-għalliema fil-fakultajiet fejn jitharru l-għalliema u fakultajiet oħra;

17. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jwettqu politika għall-minoranzi nazzjonali, etniċi u kulturali, u inkluża wkoll il-minoranza Roma, li tippermetti aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità u kundizzjoni indaqs fl-edukazzjoni għas-subien u l-bniet, inklużi programmi pre-skolari u programmi fil-livell zero, u li tingħata attenzjoni partikulari lil approċċ multikulturali li jiffaċilita l-integrazzjoni ta' tfajjet u bniet minn minoranzi u minn gruppi immigranti fis-sistema edukattiva regolari, bil-għan li tiġi missielta d-diskriminazzjoni doppja;

18. Jitlob lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu kull azzjoni meħtieġa biex iħarsu d-drittijiet ta' l-immigranti nisa u l-immigrant bniet u biex jiġi jieldu d-diskriminazzjoni li dawn jiffacċċaw fil-komunità ta' oriġini tagħhom, billi jiċħdu kull xorta ta' relattiviżmu kulturali u reliġiūż li jista' jikser id-drittijiet fundamentali tan-nisa;

19. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jappoġġaw it-trawwim ta' kuxjenza dwar l-aċċess indaqs għall-edukazzjoni fil-livelli kollha, b'mod partikulari fost komunitajiet vulnerabbli, bl-għan li tiġi eliminata kull forma ta' preġudizzju li jaffettwa l-aċċess għall-edukazzjoni tal-bniet u tat-tfajjjet;

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

20. Jirrakkomanda lill-Istati Membri sabiex jadattaw il-programmi ta' studji tagħhom għall-bżonnijiet ta' żgħażagħ b'impieg, u ta' dawk il-persuni, b'mod partikulari bniet u nisa, li jieħdu ħsieb tfal żgħar jew li qeqhdin fuq *leave* tal-maternit; iqis li l-possibilitajiet tekniċi attwali jagħmluha possibbli li jinstabu soluzzjonijiet xierqa;

21. Jitlob għal aktar sforzi sabiex jintgħarfu individwi żgħażagħ, b'mod partikulari bniet jew tfajlet li jkunu tajbin ħafna fil-konjizzjoni, kif ukoll dawk li jbatu minn diffikultajiet tat-tagħlim, bħad-dyslexia, dyspraxia, dyscalculia u ADHD, u biex jiġu pprovduti b'appoġġ aħjar;

22. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jevalwaw mill-ġdid il-metodi ta' t-testjar li jintużaw meta t-tfal, b'mod speċjali t-tfal Roma, jitpoġġew fi skejjel rimedjali;

23. Jilqa' l-implementazzjoni u l-użu ta' programmi edukattivi ffinanzjati mill-fondi ta' l-UE, kif ukoll minn sorsi oħra li jinkludu s-settur li l-għan tiegħu m'huxiex il-profitt, għal beneficiju ta' l-edukazzjoni ta' bniet u tfajlet minn familji li huma soċjalment żvantaġġati; b'mod partikulari, jilqa' l-użu ta' programmi u fondi ta' appoġġ eżistenti, kif ukoll it-tiftixa għal forom ġoddha ta' finanzjament; fl-istess ħin, jenfasizza l-ħtieġa li fl-Istati Membri kollha, isir investiment ħafna ikbar fl-edukazzjoni taż-żgħażagħ bil-ħsieb tal-ġejjien;

24. Jipproponi li fil-baġit tagħhom, l-Istati Membri jużaw l-istrument ta' bbaġitjar li jieħu kont tal-ġeneru, u b'hekk ipattu għal inġustizzji speċifiċi relatati mal-ġeneri, li fuq kollox ser ikunu ta' beneficiju għall-qasam ta' l-edukazzjoni;

25. Jirrakkomanda li l-Istati Membri joħolqu u jimmonitorjaw politiki edukattivi nazzjonali li jippermettu lill-bniet kollha, kif ukoll lis-subien, sabiex jidħlu, jibqgħu u jtemmu l-edukazzjoni obbligatorja, filwaqt li jiżguraw li jibqgħu l-iskola sakemm jilħqu l-età minima legali sabiex jidħlu fis-suq tax-xogħol;

26. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa vitali ta' evalwazzjoni preċiża ta' *data* statistika dwar kwistjonijiet relatati mal-ġeneri, kif ukoll ma' aspetti oħra ta' diskriminazzjoni multipla bħalma hi l-etniċità, b'mod partikulari minħabba li mhux dejem teżisti *data* statistika differenzjata skond il-ġeneri fir-rigward tat-tfal u taż-żgħażagħ; ifakkar li dan huwa wieħed mill-kompti, ta' l-Istitut ġdid għall-Ugwaljanza tal-Ġeneri;

27. Jistieden lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-preżentazzjoni pożittiva tal-kategoriji tal-ġeneri *fil-media* billi jippreżentaw immäġni dinjituża tan-nisa u ta'l-irġiel, li tkun ħielsa mill-preġudizzju u l-kunċċetti mgħawġa li jispiċċaw jissottovalutaw jew inaqqsu mill-valur ta' wieħed mis-sessi jew tat-tnejn li huma;

28. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jiġu adattati teknoloġiji ġodda fil-qasam ta' taħriġ dwar il-ħtiġijiet ta' l-edukazzjoni tan-nisa, pereżempju l-possibilità ta' tagħlim mill-bogħod bl-użu tat-teknoloġija tal-kompjuters;

29. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex bħala parti mill-istrateġija ta' Lízbona, jieħdu passi sabiex tintemmi il-qasma digiżi skond il-ġeneri, bil-ġhan li tikber is-soċjetà ta' l-informatika permezz ta' miżuri għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u azzjonijiet li jipprovdु aċċess aktar faċċi għan-nisa, billi tingħata spinta lill-kisba ta' kapaċitajiet elettroniċi, billi jiġi mwettqa programmi li jipprovdū għal azzjonijiet speċifiċi sabiex jiġi inklużi nisa minn grupp vulnabbli u jpattu għall-iżbilanċi bejn żoni urbani u dawk rurali;

30. Jirrakkomanda lill-Istati Membri li jiżviluppaw programmi aktar flessibbli ta' tagħlim matul il-ħajja kollha, sabiex in-nisa li jaħdnu u l-ommijiet ikunu jistgħu ikomplu l-edukazzjoni tagħhom fi programmi li jaqblu ma' l-iskeda tagħhom, u b'hekk jippermettu lin-nisa li jkollhom aċċess akbar għall-edukazzjoni u l-opportunità li jipparteċipaw fi programmi edukattivi alternattivi sabiex ikunu jistgħu isiru aktar indipendent u jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-soċjetà b'mod sinjifikanti, u b'hekk jippromwov aktar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TA(2007)0022

Ir-relazzjonijiet ta' l-EU mal-Gżejjjer tal-Paċifiku — Strateġija għal shubja msaħħa

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar ir-relazzjonijiet ta' l-EU mal-Gżejjjer tal-Paċifiku — Strateġija għal shubja msaħħa (2006/2204(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew tad-29 ta' Mejju 2006 bl-isem “ir-Relazzjonijiet ta' l-UE mal-Gżejjjer tal-Paċifiku — Strateġija għal Shubja Msaħħa” (COM(2006)0248),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija ta' l-UE għall-Paċifiku adottata mill-Kunsill għall-Affarijet Ġenerali fis-17 ta' Lulju 2006,
- wara li kkunsidra l-Ftehma ta' Shubja bejn il-Gruppi ta' Stati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (ACP) u l-Komunita? Ewropea ffirmata f'Kotonu fit-23 ta' Ġunju 2000 (il-Ftehma ta' Kotonu), (¹)
- wara li kkunsidra l-Artikolu 89 (1) tal-Ftehma ta' Kotonou, li jipprovd li “dispożizzjonijiet u miżuri speċifiċi għandhom jiġu stabbiliti sabiex jappoġġjaw l-Istati gżejjjer ta' l-ACP fl-isforzi tagħhom sabiex jegħiġ lu d-diffikultajiet naturali u ġeografiċi u ostakli oħra li jxekklu l-iżvilupp tagħhom sabiex jgħinu-hom iżidu r-rati ta' l-iżvilupp rispettivi tagħhom”,
- wara li kkunsidra r-rapport mill-Proġett tal-Millenju tan-NU: “Ninvestu fl-Iżvilupp: Pjan Prattiku biex jinkisbu l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp”,
- wara li kkunsidra l-istqarrirja Konġunta tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni dwar il-Politika ta' Żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea, “Il-Konsensus Ewropeo” (²),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effettivitā ta' l-Għajnejna approvata fit-2 ta' Marzu 2005 mill-Ministri ta' pajjiżi żviluppati u ta' dawk li qed jiżviluppaw responsabbli biex jippromwovu l-iżvilupp u mill-Kapijiet ta' istituzzjonijiet għall-iżvilupp multilaterali u bilaterali,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħi tat-23 ta' Marzu 2006 dwar l-impatt fuq l-iżvilupp tal-Ftehimiet dwar Shubja Ekonomika (EPAs) (³),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0325/2006),
 - A. Wara li kkunsidra l-involviment storiku tal-pajjiżi Ewropej fir-reġjun tal-Paċifiku,
 - B. Billi l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-gżejjjer tal-Paċifiku ħadu l-indipendenza relattivament reċentement,
 - C. Billi l-UE għandha preżenza sinifikanti fir-reġjun minħabba t-Territorji Barranin tal-Kaledonja l-Ġidha, tal-Polineżja Franċiża, Wallis u Futuna (Franza) u l-Gżejjjer Pitcairn (Renju Unit),
 - D. billi l-Moviment għal Paċifiku Mingħajr Nukleari u Indipendenti(NFIP) qiegħed jagħmel kampanji biex jitwaqqaf l-ittestjar nukleari fir-reġjun u għar-rispett tad-dinjità tal-popli indiġeni tiegħi.
 - E. Billi l-UE hija donatur sostanzjali għar-reġjun, billi b'kollox tat-għajnejna, mid-dħul ta' l-ewwel pajjiżi gżejjjer tal-Paċifiku sa l-ewwel Konvenzjoni ta' Lomé fl-1975, li tisboq il-EUR 1.8 biljun,

(¹) Ftehma ta' shubja bejn, fuq naħħa waħda, il-Membri tal-grupp ta' Stati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku u fuq in-naħa l-oħra l-Komunita Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmsata f'Kotonu fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3).

(²) ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.

(³) ĠU C 292 E, 1.12.2006, p. 121.

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

- F. Wara li kkunsidra l-adozzjoni tal-Pjan tal-Paċifiku mis-16-il pajjiż membru tal-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku, li għandu l-għan li jsahħa il-koperazzjoni u l-integrazzjoni regionali, billi jiffoka fuq it-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp sostenibbli, it-tmexxija tajba u s-sigurtà permezz tar-reġjonaliżmu, u li jagħti l-opportunità li jitkattru r-relazzjonijiet ta' bejn l-UE u l-Paċifiku,
- G. G Billi l-pajjiżi gżejjer tal-Paċifiku jiffacċċaw problemi sinifikanti li jiġu minn tkabbir tal-popolazzjoni għoli, provvista mhux biżżejjed ta' xogħol tas-sengħa, tkabbir ekonomiku baxx, tensionijiet etniċi, disk-repanzi soċċo-ekonomiċi, fallimenti tal-governanza u l-impatt ta' tendenzi ekonomiċi globali, li jqajjmu tħassib dwar aktar żidiet fil-faqar u l-instabilità fir-reġjun,
- H. Billi r-reġjun tal-Paċifiku għandu ħafna riżorsi naturali, madankollu għandu sistemi ta' pussess ta' art kumplikati ħafna li fxi każżejjiet jistgħu jkunu ostakli għall-iżvilupp,
- I. Billi l-Istati ta' l-ACP tal-Paċifiku huma demokraziji totali, bl-eċċeżżjoni tat-Tonga li hija monarkija konstituzzjonal,
1. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni sabiex tiżviluppa l-ewwel strateġija ta' l-UE għall-Paċifiku wara 30 sena ta' koperazzjoni, li ssegwi mill-iffirmar ta' l-ewwel Konvenzjoni ta' Lomé fl-1975 u l-Fteħima ta' Kotonou f'Għanju ta' l-2000;
2. Jenfasizza li, bħala donatur ewljeni lir-reġjun, l-UE għandha l-opportunità li toħloq strateġija li għandha tappoġġja lill-pajjiżi tal-Paċifiku sabiex jilħqu l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp (MDGs);
3. Jenfasizza l-eteroġeneità tar-reġjun u għalhekk jappella għall-flessibiltà fl-istrateġja tal-Kummissjoni sabiex jiġi żgurat li l-ghajjnuna għall-iżvilupp tingħata skond il-prioritajiet nazzjonali u reġjonali, u b'hekk jinkiseb beneficiċju massimu kemm għall-pajjiżi l-aktar żviluppati u kif ukoll għal dawk l-inqas żviluppati fil-Paċifiku;
4. Jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li hemm bżonn ta' djalgu politiku mtejjeb fil-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku, li l-kapijiet tagħhom adottaw fteħima ġdidha li tistabbilixxi l-Forum bħala organizzazzjoni intergovernattiva skond il-liggi internazzjonali; fl-istess ħin, jenfasizza li kull żieda fid-djalgu fuq il-livell reġjonali għandha wkoll tindirizza l-bżonnijiet tal-pajjiżi l-aktar foqra tar-reġjun;
5. Jisħaq li kull strateġija għandha tindirizza b'mod suffiċjenti l-bżonnijiet ta' żvilupp tal-pajjiżi gżejjer tal-Paċifiku kollha, speċjalment l-aktar foqra, sabiex jiġu appoġġjati l-isforzi tagħhom biex jilħqu l-MDGs;
6. Jagħraf li r-reġjun tal-Paċifiku għandu abbundanza ta' riżorsi naturali, b'mod speċjalisti is-sajd, il-minerali u l-foresti, u li fħafna pajjiżi tar-reġjun, l-agrikoltura u t-turiżmu huma l-apoġġ prinċipali ta' l-ekonomija; għalhekk, jisħaq li l-iżvilupp ekoloġikament u ekonomikament sostenibbli għandu jkun fil-qalba ta' kwalunkwe strateġija relatata ma' dawn is-setturi fundamentali; jenfasizza li l-isfruttar tar-riżorsi naturali għandu jikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta' dħul għall-popolazzjoni kollha tal-pajjiżi gżejjer tal-Paċifiku u ja-poġġja b'mod partikolari t-tnaqqis tal-faqar;
7. Jagħraf l-importanza ta' l-ghajjnuna finanzjarja ta' l-Unjoni Ewropea li theggexx l-iżvilupp tas-sajd lokali fir-reġjun, li huwa sors ta' dħul maġġuri għall-pajjiżi gżejjer tal-Paċifiku u b'mod speċjalisti għal stati li għandhom dħul gross nazzjonali aktar baxx bħalma huma l-Kiribati, il-Gżejjer Marshall, il-Micronesia u Tuvalu;
8. Jenfasizza l-importanza ta' tmexxija tajba fis-settur tas-sajd sabiex ikunu skoraġġuti s-sajd żejjed u tekniki tas-sajd distruttivi u sabiex jiġi evitat li l-perikli għall-ambjent jeqirdu l-ħajja tal-baħar, b'mod partikolari fil-każ-żebda qħadha, fejn il-Paċifiku għandu waħda miż-żoni tas-sajd l-aktar għonja fid-din;
9. Ifaħħar l-approċċ reġjonali li ħadu l-pajjiżi gżejjer tal-Paċifiku għall-immaniġġjar tas-sajd għat-tonn fir-reġjun tagħhom, u jinkuragi xxi lill-UE biex tinnegozja kwalunkwe fteħima dwar it-tonn mar-reġjon kollu, aktar milli ma' Stati individuali;
10. Jagħraf l-importanza li jiġi impost ħlas ta' liċenzji għas-sajd tat-tonn estensiv fiż-Żoni Ekonomika-ment Eskluissivi (EEZs) tal-pajjiżi fir-reġjun, li huma sors ewljeni ta' dħul għall-pajjiżi tal-Gżejjer tal-Paċifiku, speċjalment il-pajjiżi bi dħul baxx bħal ma huma l-Kiribati, il-Gżejjer Marshall, il-Mikronesja, u t-Tuvalu; madankollu, jinsab imħasseb dwar in-numru baxx ta' qabdiet attwalment ipproċċessati fl-EEZs u t-tnaqqis fil-qligħ b'riżultat ta' dan;

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

11. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni sabiex iżżejjid l-isforzi biex tippromwovi t-tmexxija sostenibbli tas-sajd billi tappoġġja il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sistemi ta' sorveljanza tar-reġjun, u sabiex issaħħa h il-kapaċitā li tikkumbatti s-sajd illegali, mhux irrapprtata u mhux irregolat;

12. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u l-Istati gżejjer tar-reġjun tal-Paċifiku biex jappoġġjaw il-pjan ta' azzjoni internazzjonali ta' l-Organizzazzjoni għall-İkel u l-Agrikoltura (FAO) kontra s-sajd illegali, irregolat u mhux rappurtat (IUU); iqis li din għandha tkun priorita? meta jiġu konklużi ftehimiet dwar is-sajd ma' pajjiżi terzi;

13. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-pajjiżi gżejjer tal-Paċifiku biex jikkollaboraw mill-viċin sabiex jiġi eliminat is-sajd IUU fir-reġjun, u biex jaġħmlu kull sforz biex jikkonformaw ma' l-obbligi tagħhom bħala stati tal-port u/jew tal-bandiera;

14. Jirrakkomanda li aktar pajjiżi gżejjer tal-Paċifiku żviluppati jkomplu jiżviluppaw operazzjonijiet ta' pproċessar lokali, u b'hekk joħolqu aktar impjegi, u jesploraw il-possibilità li l-Bank Ewropew għall-Investiment jaġhti self b'imgħax baxx lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju tal-Paċifiku sabiex tiżdied il-kapaċitā ta' l-ipproċessar, u jinħolqu fltot nazzjonali sabiex iġibu aktar dħul lir-reġjun; jilqa' l-evalwazzjoni tar-riżorsi tal-ħut u tal-kapaċitajiet ta' sajd mwettqa mill-Āgenzija tas-Sajd tal-Forum tal-Ġejjjer Tal-Paċifiku (FFA), jitlob, fejn hemm skop għal żieda fil-kapaċitā, sabiex il-flotot lokalji jiġu estiżi;

15. Jitlob lill-Kummissjoni biex twettaq evalwazzjoni ekoloġika u ta' l-impatt soċjali ta' attivitajiet illegali u attivitajiet industrijali li jinvolvu l-qtugħ illegali tas-siġar fuq skala kbira u l-kummerċ relatat tagħhom fil-pajjiżi tal-Paċifiku;

16. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiffoka fuq l-implementazzjoni rapida tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Biologika u ftehimiet relatati, speċjalment il-programm ta' ħidma dwar żoni protetti, li huwa strument effektiv biex tiġi evitata qerda ulterjuri jew degradazzjoni tal-foresta u ta' l-ekosistemi tal-baħar fir-reġjun tal-Paċifiku;

17. Jitlob lill-Kummissjoni biex iżżejjid l-appoġġ għal immaniġġjar responsabbli ekoloġikament u soċjalment u għall-implementazzjoni ta' sistemi ta' min jogħod fuqhom li jistgħu jipprovd garanziji kredibbi lill-konsumaturi Ewropej li l-prodotti ta' l-injam li jinbiegħu fis-suq ta' l-UE ikunu magħmulu minn sorsi ta' l-injam sostenibbli; jenfasizza l-importanza li tiġi mċaqlaq l-paradigma mill-attivitajiet industrijali li jinvolvu l-qtugħ illegali tas-siġar fuq skala kbira għal proġetti ta' forestrija ekoloġika biex jiġi ġenerat dħul għall-komunitajiet lokalji u appoġġ biex jittaffa l-faqar;

18. Japrova l-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċeān tal-Paċifiku Ċentrali u tal-Punent iffirmsata f'Settembru ta' l-2000 bil-għan li tintlaħaq is-sostenibiltà fit-tul tas-sajd tat-tonn, bħala sinjal ta' koperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-gżejjer Paċifiku u n-nazzjonijiet tas-sajd filmjiet imbiegħda;

19. Jenfasizza li hemm bżonn ta' investimenti sostanzjalment akbar fl-immaniġġjar ta' depożiti minerali, sors vitali ta' kambju barrani kemm għall-pajjiżi gżejjer tal-Paċifiku l-aktar żviluppati kif ukoll għal dawk inqas żviluppati, sabiex jiġi evitat it-tnaqqis prematur tar-riżorsi, kif ġara fin-Nauru matul 50 sena ta' imminar kontinwu tal-fosfat;

20. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura, b'kollaborazzjoni mal-pajjiżi tal-gżejjer tal-Paċifiku, li l-gvernijiet differenti jiżvelaw kompletament fir-rapporti finanzjarji annwali li jippubblikaw, it-taxxi u d-dazji kollha mħallsa mill-kumpaniji taż-żejt, tal-minjieri u tal-gass fir-reġjun;

21. Jiġbed l-attenżjoni għall-importanza ekonomika li t-turiżmu għandu għar-reġju, peress li wieħed mill-aħjar kwalitajiet tal-gżejjer tal-Paċifiku huwa l-pajsaġġ idilliku tagħhom; jenfasizza li kull inkoragiġġiment għat-turiżmu fir-reġjun għandu jimxi id fid' ma' aktar pussess lokalji tas-servizzi tat-turiżmu, sabiex tiġi żgurata s-sostenibiltà tas-settur tat-turiżmu u sabiex jiġu massimizzati l-benefiċċji għall-ekonomija lokal;

22. Jitlob li jkunu projbiti t-testijiet nukleari kollha, u jaraha essenzjali li r-reġju kollu għandu jsir ħieles min-Nukleari u li l-ħsara lill-ambjent, lill-ekosistemi u lis-sahħha pubblika kkawżata mit-test nukleari għandha titranġa;

23. Jagħraf il-benefiċċji li t-twaqqif tas-servizzi tal-linji ta' l-ajru bi prezziżiet baxxi ġab lill-ekonomiji tal-gżejjer tal-Paċifiku, u jitlob li jiġi eliminat ix-xkiel għall-politika ta' "open skies" filwaqt li t-trasport bl-ajru jiġi żviluppat b'mod razzjonali sabiex jiġu minimizzati l-emmissionijiet u impatti ambjentali oħrajn ta' aktar vjaġġar bl-ajru;

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

24. Jisħaq li fil-biċċa l-kbira tal-każi huma biss l-aktar pajjiżi għonja b'infrastruttura aktar żviluppata u b'konnessjonijiet bl-ajru aktar frekwenti li jiġbu numri sinifikanti ta' turisti kull sena; jenfasizza li f'dawn il-każi l-ghajjnuna għall-iż-żvilupp għandha tkompli tiġi użata sabiex tiffinanzja l-infrastruttura u tinkorāġġixxi t-turiżmu sostenibbli;

25. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel enfasi, fi proġetti implementati taħt l-ġħaxar Fond Ewropew għall-Iż-żvilupp, fuq appoġġ għas-sitemi ta' l-edukazzjoni u ta' taħbiż tekniku ta' l-Istati fir-reġjun li l-iż-żvilupp tagħhom qed jiġi mxekkel minn nuqqasijiet f'dan il-qasam;

26. Jagħraf l-importanza ta' l-agrikoltura bħala sors primarju ta' dħul, inkluż id-dħul mill-esportazzjoni, u bħala mezz ta' għajxien, u ta' l-impieg fir-reġjun;

27. Jenfasizza li l-globalizzazzjoni, flimkien ma' telf mill-aċċess preferenzjali għas-suq ta' l-UE, x'aktarx ikollhom impatt ekonomiku profond fuq ir-reġjun, speċjalment fuq il-Fiġi;

28. Jisħaq li fpajjiżi inqas żviluppati li jgħixu l-aktar fuq l-agrikoltura bħala mezz ta' għajxien, għandu jkun hemm tranżizzjoni gradwali mill-produzzjoni ta' učuh ewlenin għal dik tal-produzzjoni ta' učuh għall-qligħ sabiex jipprovd aktar prodotti agricolli għall-esportazzjoni, u li l-vijabilità tat-twaqqif ta' l-ipproċċassar ta' l-ikel u tas-servizzi ta' l-ippakkjar għandhom ikunu eżaminati;

29. Jisħaq li x-xogħol tas-sengħa huwa prerekwiżit importanti għat-tkabbir ekonomiku tal-pajjiżi tal-Paċċifiku u għalhekk jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġja offsa ta' politika nazzjonali li għandhom l-għan li jipprovdu faċilitajiet għal taħbiż vokazzjoni u taħbiż biex jappoġġja l-industrijiet lokali fil-pajjiżi gżejjer tal-Paċċifiku;

30. Jisħaq fuq l-importanza tal-kummerċ intra-reġjonali u l-kummerċ bejn ir-reġjun tal-Paċċifiku u l-UE, anke skond arrangiamenti kummerċjali reġjonali bħal ma huma l-Ftehimiet ta' Kummerċ tal-Pajjiżi tal-Gżejjer tal-Paċċifiku (PICTA), il-Ftehma tal-Paċċifiku għal Relazzjonijiet Ekonomiċi iktar fil-qrib (PACER) li hi proposta, u l-Ftehma dwar Shubja Ekonomika (EPA), bħala mezz li tiżid il-prosperità ekonomika fir-reġjun;

31. Minħabba l-ispejjeż ta' l-immaniġġjar u l-amministrazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali ta' dan it-tip, inkluża l-implimentazzjoni ta' l-Istratèġija għall-Paċċifiku mill-pajjiżi gżejjer tal-Paċċifiku u organizazzjonijiet reġjonali bħas-Segretarjat tal-Forum Paċċifiku, jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovd ghajjnuna finanzjarja u teknika għall-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva ta' ftehimiet bħal dawn;

32. Japrova l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sinifikat ta' parteċipanti reġjonali ewlenin bħal ma huma l-Australja, New Zealand, l-Istati Uniti u l-Ċappun, peress li huma kontributuri importanti għar-reġjun tal-Paċċifiku u msieħba kummerċjali miegħu, u li r-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u dawn il-pajjiżi għandhom jitjiebu minħabba aktar involviment fil-Paċċifiku;

33. Japrova l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li tindika li koordinazzjoni għall-provvediment ta' l-ġħaj-nuna aktar mill-qrib ma' l-imsieħba l-oħra fir-reġjun, bħal ma huma l-Australja u New Zealand, għandha żżid l-effettività tat-twassil ta' l-ġħajnejna;

34. Jenfasizza li r-reġjun tal-Paċċifiku huwa wieħed li għandu sinifikat geo-politiku, u jesprimi tħassib li rivalitajiet interstatali jistgħu jrawmu ghajjnuna ta' kwalità baxxa, u marbuta mal-politika, għad-detriment ta' żvilupp aktar fit-tul, tas-sostenibilità tar-riżorsi u tal-governanza tajba;

35. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirrikonoxxi li s-sitemi ta' pussess ta' art, speċjalment f'Papwa Ginea Ġdida, il-Gżejjer Solomon, Vanwatu u l-Kaledonja l-Ġdida (Territorju Barrani ta' Franzia) huma kumplikati ħafna u huma ostakli reali għall-iż-żvilupp; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-inizjattivi nazjonali dwar riforma ta' l-art imwettqa minn dawk il-pajjiżi u dak it-territorju;

36. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tibda politiki biex tattakka t-tixrid mghażżeġ ta' l-HIV/AIDS fir-reġjun, li qed jikber ħafna fil-pajjiżi bħall-Papwa Ginea Ġdida;

37. Jigħbed l-attenzjoni għall-erba' pajjiżi fir-reġjun li huma affettwati mill-malarja, il-Papwa Ginea Ġdida, il-Gżejjer Solomon, Vanwatu u Timor tal-Lvant; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżviluppa programmi sabiex teħleb din il-problema, filwaqt li tassigura li jkun hemm protezzjoni xierqa mill-malarja, pereżempju, billi jkunu provdu filloxxi tas-sodda għal kontra l-malarja lill-pajjiżi milquta;

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

38. Jisħaq li, sabiex ikun żgurat it-twassil effiċjenti ta' l-għajnuna, hija vitali l-governanza tajba mar-reġjun tal-Paċifiku kollu sabiex wieħed jimpedixxi l-korruzzjoni, wieħed mill-ostakli prinċipali li jfixklu milli jint-laħqu l-MDGs, kif ukoll biex jinkiseb żvilupp sostenibbli; jisħaq li għandhom jitwaqqfu istituzzjonijiet nazjonali u proċeduri trasparenti u b'saħħithom sabiex l-għajnuna għall-iżvilupp tilħaq lir-riċevituri intenzjoni fir-reġjun;

39. Jaqbel ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni li l-instabilità u l-kunflitt politiku jista' jkun devastanti għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun, speċjalment fi dħul mitluf mit-turiżmu u mill-qerda ta' infrastruttura ekonomika;

40. Jenfasizza li l-isħubija msaħħha bejn l-UE u l-pajjiżi gżejjer tal-Paċifiku għandha tiġi riflessa fappoġġ akbar għall-parlamenti ta' l-istati konċernati bil-ħsieb li jissaħħu l-kapaċitajiet u l-irwol tagħhom fit-trawwim ta' stabilità politika regionali;

41. Jiġbed l-attenzjoni għall-vulnerabilità ta' l-istati tal-gżejjer tal-Paċifiku għad-dizasteri naturali u l-effetti devastanti li jkollhom fuq l-ekonomiji tagħhom; għalhekk japprova s-sejħa tal-Kummissjoni għat-twaqqif ta' programm regionali għal-preparazzjoni fkaż ta' diżasteri;

42. Japprova l-opinjoni tal-Kummissjoni li l-istati tal-gżejjer tal-Paċifiku għandhom interess kbir li jagħmlu xi ħaġa dwar il-bidla fil-klima, minħabba l-effett potenzjali li għandhom fuq ir-reġjun il-livelli tal-baħar li jogħlew; jieħu nota tal-Qafas ta' Azzjoni tal-Gżejjer tal-Paċifiku dwar it-Tibdil fil-Klima 2006-2015 bħala mekkaniżmu regionali biex ikunu appoġġjati reazzjonijiet għat-tibdil fil-klima, u jitlob għal żieda fid-djalogu bejn l-UE u r-reġjun tal-Paċifiku bil-ħsieb li jsir xi ħaġa dwar it-tibdil fil-klima u tħassib relata;

43. Jiġbed l-attenzjoni għas-sitwazzjoni kurrenti f'Timor tal-Lvant li fdawn l-aħħar ġimġhat kien imfarrak bil-vjolenza u jesprimi t-tama li l-Kummissjoni, b'ħidma mill-qrib mal-komunità internazzjonali, tgħin lill-mexxeja tat-Timor tal-Lvant biex jindirizzaw il-problemi bażiċi li jikkontribwixxu għall-kriżi, inklużi l-bżonn ta' stabilità politika, ir-rikonciliazzjoni fost sezzjonijiet differenti tas-soċjetà u l-faqar;

44. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija ta' l-UE għall-Paċifiku tas-17 ta' Lulju 2006 u l-enfasi tagħhom dwar l-eradikazzjoni tal-faqar, il-kisba ta' l-MDGs, l-iżvilupp ta' riżorsi umani u l-kwistjonijiet ta' saħħa; madankollu, jiddeplora li l-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tiegħu mingħajr ma stenna lill-Parlament jesprimi l-pożizzjoni tiegħi;

45. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri ta' l-UE u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-istati tal-gżejjer tal-Paċifiku.

P6_TA(2007)0023

L-Istatut tal-kumpanija privata Ewropea

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istatut tal-kumpanija privata Ewropea (2006/2013(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 192, it-tieni paragrafu, tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 39 u 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Mejju 2003 lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitolata “Il-modernizzazzjoni tal-liġi tal-kumpaniji u t-titħib tal-governanza tal-kumpanija fl-Unjoni Ewropea — Pjan ta' Azzjoni” (COM(2003)0284),

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

- wara li kkunsidra s-seduta ta' smiġħ pubblika mill-Kummissjoni dwar il-prioritajiet futuri tal-pjan ta' azzjoni għall-modernizzazzjoni tal-liġi tal-kumpaniji u tal-governanza tal-kumpanija u r-riżultati tagħha,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0434/2006),
- A. billi l-kundizzjoni fl-Artikolu 39(2), li l-ebda proposta m'għandha tkun fi tħejjija, titwettaq kif xieraq,
 - B. billi s-seduta ta' smiġħ pubblika fil-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ġunju 2006 enfasizzat il-ħtieġa għat-twaqqif tal-Kumpanija Privata Ewropea bħala forma ġuridika għall-intra-priżi żgħar u ta' daqs medju li joperaw f-neozju transkonfinali,
 - C. billi kumpanija privata Ewropea (EPC) għandha tkun tista' tiġi mwaqqfa fit-territorju tal-Komunita' minn persuna jew persuni fiziċċi jew ġuridiċi li mhux bilfors ikunu residenti fi Stat Membru, skond il-liġi u l-proċeduri Komunitarji li għandhom ikunu stabbliti f-regolament,
 - D. billi EPC għandu jkollha personalità ġuridika u r-responsabbilta' tagħha għal djun lejn il-kredituri għandha tkun limitata sa l-assi tagħha,
 - E. billi l-EPC toffri lill-kumpaniji għażla volontarja addizzjonali, flimkien ma' għamliet nazzjonali, fir-rigward tal-forma li jistgħu jieħdu,
 - F. billi l-EPC għandha tkun kapaċi tagħżel bejn struttura monistika jew dualistika,
 - G. billi l-EPC għandha tkun reġistrata fl-Istat fejn jinsab is-sit tagħha, fir-reġistru adegwaw skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali mwaqqfa permezz tad-Direttiva 68/151/KEE, flimkien ma' indirizz tan-negożju li lej tista' ssir notifika, filwaqt li jitqies l-mekkaniżmi għall-evalwazzjoni tal-korrettezza fil-kontenut u l-awtentiċità ta' l-att tat-twaqqif tal-kumanija,
 - H. billi l-acquis communautaire relevanti li jipprovd iġħad informazzjoni, konsultazzjoni u drittijiet ta' parteċipazzjoni għall-impiegati transkonfinali, kif ukoll li jissalvagħwardja drittijiet ta' parteċipazzjoni digħi, eżistenti ta' l-impiegati (id-Direttivi 94/45/KE u 2005/56/KE) għandu jkun preservat bis-sħiħ, u billi, konsegwentament, l-konverżjoni ta' kumpanija bi drittijiet għall-immaniġġjar konġunt ta' l-impiegati, għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni f'EPC m'għandhiex tirriżulta fit-telf ta' dawk id-drittijiet eżistenti,
1. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta lill-Parlament, matul is-sena 2007, proposta leġiżlattiva dwar il-istatut tal-kumpanija privata Ewropea, ibbażata fuq l-Artikolu 308 tat-Trattat KE, u jitlob sabiex din il-proposta tiġi mfassla fil-qafas tal-konsultazzjonijiet interistituzzjonali u li ssegwi r-rakkmandazzjoni det-taljati stabbiliti fl-Anness hawn taħt;
 2. Jikkonferma li r-rakkmandazzjoni jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u d-drittijiet fundamen-tali taċ-ċittadini;
 3. Iqis li l-proposta mitluba n'għandhiex ikollha implikazzjoni finanzjarji;
 4. Jagħti istruzzjoni dett l-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rakkmandazzjoni det-taljati annessi magħha lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

ANNESS**RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA*****Rakkmandazzjoni 1 (Il-liġi Komunitarja bħala l-bażi tat-tip ta' kumpanija)***

Il-Parlament Ewropew huwa tal-fehma li Statut dwar l-EPC għandu jkun imsejjes kemm jista' jkun fuq ir-regoli tal-liġi Komunitarja u għandu għaldaqstant jevita referenzi għal-liġi nazzjonali; għalhekk għandu jieħu forma ta' statut uniformi u definitiv. Għalhekk id-dispożizzjoni tal-liġi tal-Kumpaniji tar-regolament dwar l-Istatut għal-Kumpanija Privata Ewropea għandhom jiġu applikati b'mod esklussiv u l-oqsma tal-liġi regolati minn dak ir-regolament għandhom jitneħħew mill-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri. Dan jaapplika fir-rigward

ta' l-istat legali, il-kapaċitāt ġuridika u l-kapaċitāt ta' azzjoni, il-formazzjoni, l-emendi fl-artikoli ta' assoċiazjoni tagħha, il-konverżjoni u x-xoljiment, u l-isem u l-isem tan-negożju tal-kumpanija; l-istruttura organizattiva, is-setgħat ta' rappreżentanza ta' l-organi tal-kumpanija, l-akkwist u t-telf tas-shubja u d-drittijiet u l-obbligi relatati magħħom, u r-responsabilità tal-kumpanija, tad-diretturi eżekutivi, tal-membri tal-korpi u tal-membri tagħha fir-rigward ta' l-obbligi tal-kumpanija, kif ukoll standards minimi rigward l-obbligi ta' amministrazzjoni fir-rigward tal-kumpanija; barra minn hekk, l-istat għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar kif joperaw il-korpi tal-kumpanija, dwar il-maġġoranza tal-votazzjoni, il-konsultazzjonijiet tal-membri u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-akkwist u l-bejgħ ta' l-ishma tal-kumpanija; għandu jkun possibbli li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu mfassla b'mod individwali, skond il-htigġijiet tal-kumpanija. F'oqsma oħra l-istat għandu japplika bħala prinċipju, u kwalunkwe regola li tmur lil hinn minnu għadhom japplikaw biss b'mod sussidjarju, fl-ordni li ġej: regoli oħra tal-liġi Komunitarja; dispożizzjonijiet dwar tipi ta' kumpaniji simili fl-Istat Membru fejn il-kumpanija għandha l-uffiċċju reġistrat taġħha. It-tipi relevanti ta' kumpaniji fl-Istati Membri partikulari għandhom jiġu elenkti f'Anness.

Recommendation 2 (proċeduri għall-formazzjoni)

Il-Parlament Ewropew huwa ta' l-opinjoni li għandu jkun possibbli għall-Kumpanija Privata Ewropea li tkun stabbilita *ex nihilo*, jew fuq il-bażi ta' kumpanija diġi eżistenti, jew ta' *merger* bejn kumpaniji jew fil-kuntest ta' sussidjarja komuni. Barra minn hekk, għandu jkun possibbli li kumpanija privata Ewropea tkun trasfurmata f'kumpanija Ewropea.

Rakkomandazzjoni 3 (Kapital inizjali)

Il-Parlament Ewropew huwa tal-fehma li l-kapital inizjali ta' l-EPC għandu jitqassam f'ishma b'valur nominali spċċifiku; li l-valur totali ta' l-ishma tal-membri għandu jiġi indikat sa l-eqreb Euro; li l-kapital minimu għandu jkun ta' EUR 10 000 jew ta' ammont f'munita oħra li jkun ekwivalenti għal dan fiziż-żmien meta ssir ir-regiżazzjoni; u li mhux bilfors għandu jitħallas minn quddiem il-kapital minimu li jiddetermina l-grad ta' responsabbiltà tal-membri.

Rakkomandazzjoni 4 (Organizzazzjoni)

Il-Parlament Ewropew jissuġġerixxi li l-EPC għandu jkollha mill-inqas direttur eżekutiv wieħed, li l-ewwel diretturi eżekutivi għandhom jinhattru permezz ta' deċiżjoni tal-membri jew fl-artikoli ta' assoċiazjoni u li ma jistax jassumi jew jokkupa il-pożizzjoni ta' direttur eżekutiv min, permezz ta' sentenza tal-Qorti jew ta' awtorità amministrativa ta' xi Stat Membru, ikun ġie projbit milli jokkupa pożizzjoni simili għal dik ta' direttur eżekutiv.

Rakkomandazzjoni 5 (Kontenut ta' l-artikoli ta' assoċiazjoni)

Il-Parlament Ewropew jiproponi li l-artikoli ta' assoċiazjoni għandhom jinkludi din l-informazzjoni li ġejja: il-forma legali u l-isem ta' negożju tal-kumpanija; it-tul ta' żmien li fiha se topera l-kumpanija, fkaż li dan huwa limitat; l-għan tan-negożju; l-indirizz fejn hija reġistrata; il-kapital tal-kumpanija; il-korp jew korpi li jistgħu jirrappreżentaw lill-kumpanija ma' partijiet terzi u fil-qorti; u l-kontribut minn kull membru fir-rigward ta' l-ishma tiegħu fil-kumpanija.

Rakkomandazzjoni 6 (Responsabbiltà tad-direttur eżekutiv)

Il-Parlament Ewropew huwa tal-fehma li d-direttur jew diretturi eżekutivi ta' l-EPC għandhom ikunu responsabbli individwalment jew *in solidum* fir-rigward tal-kumpanija, għall-azzjonijiet kollha li jmorru kontra kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi ċivili u kriminali applikabbli għall-kumpanija;

Rakkomandazzjoni 7 (Responsabbiltà tad-diretturi eżekutivi u tal-membri fil-każ ta' tnaqqis fil-patrimonju nett)

Il-Parlament Ewropew huwa tal-fehma li l-korpi tal-kumpanija għandhom ikunu responsabbli *in solidum* għat-telf/dannu lill-EPC minħabba tnaqqis ta' l-assi favur korp tal-kumpanija, membru jew persuna qrib ta' wieħed minn dawn, permezz ta' atti tal-kumpanija; li r-riċevitur ta' l-ħlas mhux dovut mill-kumpanija huwa obbligat li jerġa' jħallsu lura lill-kumpanija; li għandu jkun hemm responsabbiltà biss meta l-azzjoni ma tkunx fl-interess rikonoxxut ta' l-EPC; li ma għandu jkun hemm l-ebda responsabbiltà, b'mod partikolari, meta l-EPC tkun integrata fi grupp li jsegwi politika konsistenti u kull żvantaġġ li jista' jinħoloq jiġi kkumpensat mill-vantaggia tas-shubja tagħha f'grupp; u li r-responsabbiltà tad-diretturi eżekutivi jew tal-membri skond dispożizzjonijiet legali oħra m'għandhomx jiġi affettwati.

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

Rakkomandazzjoni 8 (l-Annessi tar-Regolament)

Il-Parlament Ewropew jipproponi li r-Regolament għandu jinkludi dawn l-annessi li ġejjin:

- a) mudelli ta' l-artikoli ta' assoċjazzjoni li l-membri jistgħu jadottaw b'mod sħiħ jew parżjali;
- b) it-tipi ta' kumpaniji għal kull Stat Membru ekwivalenti għall-EPC għall-oqsma li mhumiex regolati b'dan ir-regolament, b'mod partikulari għall-implementazzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-awditjar, il-liġi penali, soċjali u l-liġi dwar l-impieg;
- c) Id-denominazzjonijiet tal-korpi tal-kumpanija fil-lingwi uffiċjali varji ta' l-Unjoni Ewropea.

Rakkomandazzjoni 9 (Kontijiet annwali)

Il-Parlament Ewropew iqis li l-EPCs għandhom ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet armonizzati dwar il-kontabbilt (kif imsemmi fid-Direttivi 78/660/KEE (¹) u 83/349/KEE (²)), li japplikaw f'kull Stat Membru għat-tip ta' kumpanija ekwivalenti.

Rakkomandazzjoni 10 (Konverżjoni)

Il-Parlament Ewropew huwa tal-sehma li EPC għandu jkollha possibiltà li tinghaqd (³), li tibdel l-uffiċċju rregiżrat tagħha, li tinqasam u li tbiddel il-forma tagħha f'kumpanija Ewropea (⁴), kemm jista' jkun skond il-liġi Komunitarja li tkun digħi għet armonizzata; f'każ li ma jkun hemm liġi Komunitarja rilevanti, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Istat Membri applikabbli għal forom legali komparabbli fl-Istat Membru; f'dan il-kuntest għandhom japplikaw ir-regoli ta' determinazzjoni konġunta fl-Istat Membru fejn jinsab l-uffiċċju prinċipali flimkien mal-liġi Komunitarja; il-konverżjoni ta' kumpaniji nazzjonali f'EPC għandha tkun permessa wkoll, filwaqt li jinżammu d-drittijiet eżistenti ta' l-impiegati; dan japplika wkoll għat-konverżjoni mill-ġdid ta' EPC f'forma legali nazzjonali.

Rakkomandazzjoni 11 (Xoljiment, likwidazzjoni, insolvenza u waqfien ta' ħlas)

Il-Parlament Ewropew iqis li d-diretturi eżekuttivi ta' EPC għandhom ikunu obbligati li japplikaw għal bidu ta' proċedimenti ta' insolvenza mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mħux aktar tard minn tlitt ġimħaqta minn wara li seħħ stat ta' insolvenza; li f'każ li huma jiksru dan l-obbligu lejn il-kredituri u b'hekk jikkawżawlhom ħsara, għandhom ikunu responsabbli direttament u *in solidum*; li barra minn hekk EPC, f'każ ta' xoljiment, likwidazzjoni, insolvenza jew waqfien ta' ħlas u proċeduri komparabbli, għandha tkun suġġetta skond id-dispożizzjonijiet li japplikaw għall-kumpaniji li hija komparabbli magħhom f'kull Stat Membru permezz ta' dan ir-Regolament; u li għandu japplika r-regolament fis-seħħ fl-Istat Membru fejn jinsab l-uffiċċju prinċipali tal-kumpanija f'każ ta' insolvenza.

(¹) Ir-Raba' Direttiva 78/660/KEE tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1978 skond l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċertu tipi ta' kumpaniji (ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1).

(²) Is-Seba' Direttiva 83/349/KEE tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 1983 skond l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati (ĠU L 193, 18.7.1983, p.1). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/99/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 137).

(³) Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar mergers transkonfinali ta' kumpaniji b'responsabbil limitata (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 1).

(⁴) Regolament (KE) Nru 2157/2001 tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut għal Kumpanija Ewropea (SE) (ĠU L 294, 10.11.2001, p. 1). Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).